# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 21 ta' Lulju, 2021.**

**Numru 10**

**Rikors numru 1062/2007/1 JZM**

**Carmel Grima, Emanuel Grima, Georgia magħrufa bħala Georgina Azzopardi u b'digriet tad-9 ta' Jannar 2012 l-atti tal-kawża f'isem Georgina Azzopardi ġew trasfużi f'isem l-eredi tagħha Jennifer Mifsud, Anne Mary Gauċi, Josephine Grech, Grace Carmen Camilleri u Philip Azzopardi; Joan Cassar f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' ħuha Edward Grima residenti New South Wales, Maria Dolores magħrufa bħala Dorothy Żammit, aħwa Grima ulied id-*decuius* Carmelo Grima; kif ukoll Anne Mary Camilleri, Julian Grima, Carmen Manġion, Ruth D'Antuono, Pierre Grima u Graziella Grima, ulied il-mejjet Anthony Grima bin id-*decuius* Carmelo Grima**

**v.**

**Saviour Grima, u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2010 ġiet kjamata in kawża Josephine Calleja, u b'digriet tal-4 ta' Ottubru, 2011, l-atti f'isem il-kjamata in kawża Josephine Calleja ġew trasfużi f'isem l-eredi tagħha John Calleja; Charles Calleja; Mario Calleja u b'Nota tas-16 ta' April, 2021, Christine Theresa Rita Calleja u Charlene Calleja assumew l-atti tal-kawża f'isem missierhom Mario Calleja li miet fil-mori tal-appell; Catherine Cassar, Helen Calleja, ilkoll aħwa ulied ta' Josephine Calleja; u Jade Girxi u Jordan Calleja ulied u**

**eredi tal-mejjet Raymond Calleja ħu r-rikorrenti l-oħra, u dan stante l-mewt tagħha**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra dik il-Qorti llikwidat il-valur tal-wirt tal-mejjet Carmelo Grima fis-somma ta' miljun mija u wieħed u tletin elf sitt mija u ħamsin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€1,131,650.71) u għalhekk ikkundannat lill-istess intimat appellant, bħala l-werriet waħdieni tal-imsemmi Carmelo Grima (minħabba r-rinunzja tal-werrieta l-oħrajn maħtura), jħallas lill-atturi appellati (i) Carmel Grima, Emanuel Grima, Joan Cassar, Edward Grima u Maria Dolores Żammit bejniethom is-somma ta' tnejn u sittin elf tmien mija u disgħa u sittin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€62,869.48) bħala s-sehem riżervat mill-wirt ta' missierhom Carmelo Grima; (ii) Jennifer Mifsud, Anne Mary Camilleri, Josephine Grech, Grace Carmen Camilleri u Philip Azzopardi bejniethom is-somma ta' tnejn u sittin elf tmien mija u disgħa u sittin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€62,869.48) bħala s-sehem riżervat mill-wirt ta' ommhom Georgina Azzopardi (sehem minn tmintax-il sehem, $^{1}/_{18}$) mill-wirt ta' missierha Carmelo Grima; u (iii) Anne Mary Camilleri, Julian Grima, Carmen Manġion, Ruth D'Antuono, Pierre Grima u Graziella

Grima bejniethom is-somma ta' tnejn u sittin elf tmien mija u disgħa u sittin ewro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€62,869.48) bħala s-sehem riżervat mill-wirt ta' missierhom Anthony Grima (sehem minn tmintax-il sehem, $^{1}/_{18}$) mill-wirt ta' missieru Carmelo Grima, bl-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq dawk is-somom b'seħħ minn meta nfetaħ il-wirt tal-istess Carmelo Grima fis-7 ta' Jannar, 2007, sad-data tal-ħlas effettiv;

2. L-azzjoni mibdija mill-atturi appellati kienet titlob li l-Qorti tistabilixxi x'kien il-ġid li jagħmel mill-wirt ta' Carmelo Grima, u li tgħid x'jiswa dak il-ġid biex b'hekk ikun jista' jinħareġ il-valur tas-sehem riżervat spettanti lilhom mill-wirt imsemmi, u li l-appellant iħallashom dak is-sehem;

3. Din il-kawża kienet qiegħda tinstema' flimkien ma' kawża oħra[1] li biha l-imsejħin fil-kawża f'din il-kawża tallum fittxew għall-jedd tagħhom tas-sehem riżervat mill-istess wirt ta' Carmelo Grima;

4. Kemm din il-kawża u kif ukoll l-oħra li kienet miexja ma' din, kienu jsemmu wkoll kawża oħra[2] (miftuħa mill-atturi appellati kontra l-appellant u martu Mary Grima u kontra l-appellati fil-kawża tallum, li kienu ssejħu f'dik il-kawża) għat-tħassir ta' kuntratt ta' trasferiment ta' nofs mhux maqsum minn remissa fi Triq Birkirkara, San Ġiljan, magħdud is-sehem

[1] Rik. Nru. 203/13JZM maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28.1.2016 u li s-sentenza dwar appell imressaq minnha qiegħda tingħata llum minn din il-Qorti
[2] Rik. Nru. 609/07JPG maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17.11.2014 (mhix appellata)

ta' nofs mhux maqsum ta' ġnien li jinsab warajha, magħmula mill-imsemmi Carmelo Grima favur l-appellant u martu. F'dik il-kawża, il-Qorti għar-raġunijiet hemm imsemmija, kienet laqgħet it-talbiet attriċi billi sabet li t-trasferiment kien donazzjoni simulata, u l-kuntratt attakkat kellu jitqies biss bħala donazzjoni u mhux trasferiment oneruż. Minħabba f'hekk, l-eżitu ta' dik is-sentenza kellu tabilfors effett fuq il-konsistenza tal-ġid tal-wirt ta' Carmelo Grima u tal-valur tas-sehem riżervat dovut lill-appellati f'din il-kawża;

5. Għall-azzjoni attriċi, l-appellant laqa' billi qal li l-azzjoni tressqet għalxejn u qabel waqtha, ladarba hu qatt ma kellu oġġezzjoni li l-atturi jingħataw is-sehem riżervat u wkoll għaliex kull kalkolu u likwidazzjoni ta' dak is-sehem trid tistenna l-eżitu tal-kawża miftuħa biex tattakka l-kuntratt li kien sar favurih minn missieru Carmelo Grima. F'kull każ, żied jgħid li l-likwidazzjoni għandha ssir fuq dak il-ġid li l-liġi tammetti bħala ġid li dwaru jinħadem is-sehem riżervat (magħduda xi donazzjonijiet li missieru seta' għamel matul ħajtu), imma mhux fuq ġid tal-wirt meħlus mill-obbligu tal-kollazzjoni;

6. Min-naħa tagħha, l-imsejħa fil-kawża Josephine Calleja qalet li kienet taqbel mat-talbiet tal-atturi u li hija, bħala bint l-imsemmi Carmelo Grima, kellha jedd ukoll biex tingħata s-sehem riżervat dovut lilha mill-wirt tal-imsemmi missierha bl-istess mod li qegħdin jitolbuh l-atturi;

7. Biex l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza appellata, għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"**III. Intempestivita`***

*Il-konvenut eccepixxa l-intempestivita` tal-azzjoni attrici bit-tieni eccezzjoni.*

*Dik l-eccezzjoni giet superata bis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Novembru 2014 fil-kawza "Carmel Grima et vs Saviour Grima et" (Rik. Gur. Nru. 609/2007 FS).*

*Din is-sentenza ghaddiet in gudikat.*

*Tajjeb jinghad illi fis-sentenza kien rilevat illi l-kuntratt tad-29 ta` April 2002 ppubblikat min-Nutar Dr Alexander Sceberras Trigona bejn Carmelo Grima u l-konvenut kien donazzjoni, simulata taht l-apparenza ta` trasferiment b` titolu oneruz.*

***IV. Konsiderazzjonijiet ta` l-Qorti***

***1) Generali***

*L-atturi qeghdin jitolbu l-assenjazzjoni favur taghhom tas-sehem rizervat lilhom dovut mill-wirt ta` Carmelo Grima, armel ta` Grazia Grima, wara li kien hemm rinunzja ghall-eredita` ta` l-istess Carmelo Grima u nzamm ferm id-dritt taghhom ghas-sehem riservat.*

*Irrizulta li Carmelo Grima miet fl-14 ta` Jannar 2007. Mir-ricerki testamentarji tieghu, irrizulta li dan Carmelo Grima ghamel erbgha (4) testmenti :-*
*l-ewwel wiehed kien testment unica charta ma` martu Grazia fl-atti tan-Nutar Dottor John Micallef Trigona tal-25 ta` Frar 1970;*
*it-tieni wiehed kien testment fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Sceberras Trigona tas-6 ta` Gunju 2002;*
*it-tielet wiehed kien testment fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani tas-16 ta` Settembru 2002; u*
*r-raba` wiehed kien testment fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani tas-16 ta` Marzu 2004.*

*Jirrizulta li Carmelo Grima nnomina bhala l-eredi universali tieghu, proprjetarji in assolut ta` gidu kollu in generali lid-disa` (9) uliedu u cioe` lil Giuseppa mart Giuseppe Calleja; Giorgina mart Amabile Azzopardi; Gioliano; Antonio; Edward; Emmanuele; Charles sive Carmelo; Dorothy mart Julian Zammit; Joan sive Giovanna mart Joseph Cassar; u Salvatore sive Saviour ahwa Grima, fi kwoti indaqs bejniethom.*

*Jirrizulta li thallew diversi prelegati lil Saviour Grima li jikkonsistu fis-segwenti :-*
*Id-dar mmarkata bin-numru 19 u 21 gia` immarkata bin-numru ufficjali 13 u 14 bil-garaxx anness u kontigwu ghall-istess dar bin-numru 17 gia` numru 12, li jinsabu fi Triq il-Barakki, Qormi. Dan il-prelegat jinsab indikat fit-testment tas-16 ta` Settembru 2002 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani ;*
*Nofs indiviz tal-garaxx minghajr numru bl-isem ta` `Grima`s Garage`, Triq Saver Zarb, San Giljan flimkien ma` gnien. Dawn thallew b` titolu ta` prelegat in pjena proprjeta` lil Salvatore sive Saviour Grima in forza tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Trigona tas-6 ta` Gunju 2002. Dan in-nofs indiviz kien jappartjeni lil Grazia mart Carmelo Grima peress li n-nofs indiviz appartenenti lil Carmelo Grima kien inbiegh lil Salvatore Grima permezz ta` kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Alexander Joseph Sceberras Tridona tad-29 ta` April 2002. F`dan it-testment, id-decujus iddikjara li kien jaf li l-imsemmi nofs indiviz ta` din il-proprjeta` ma kienx jappartjeni lilu izda d-decujus ried u ordna li l-legat jigi regolat mill-Kodici Civili.*

*Jirrizulta li thalla ukoll legat lil Noel Grima, li jigi iben Salvatore sive Saviour Grima konsistenti fl-intier tal-fond bin-numru 139, Grima` s Flats, fi Triq Saver Zarb, San Giljan. Dan il-legat gie mholli in forza tat-testment ta` Carmelo Grima maghmul fis-16 ta` Marzu 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Anthony Grech Trapani. Dan ukoll kien jikkonsisti f`legato di cosa altrui peress li kien dikjarat mid-decujus illi huwa kien jaf li l-imsemmi fond ma kienx jappartjeni kollu lilu u xorta wahda ordna li l-imsemmi legatarju ghandu jiehu l-imsemmi proprjeta` fl-interezza kollha taghha.*

***2) <u>Likwidazzjoni</u>***

*Din il-kawża tirrigwardja likwidazzjoni wara l-emendi fil-liġi tas-suċċessjoni partikolarment dik li qabel kienet maghrufa bhala l-leġittima illum sehem rizervat. Dawn l-emendi ġew fis-seħħ fl-2004 u jagħmluha ċara li ma jaffetwawx wirt li nfetaħ qabel dik id-data. Infatti l-artikolu 116(2) tal-Att Numru XVIII tal-2004 ighid illi l-artikolu 58 li huwa appuntu l-emenda ghall-artikoli 615 u 616 tal-Kodiċi Ċivili illi jirregolaw kif tinħadem il-leġittima kellhom japplikaw ghal suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikoli jinġiebu fis-seħħ. Fil-kaz prezenti, il-ligi applikabbli hija dik vigenti bhalissa mhux dik ta` qabel l-emendi.*

*Il-ligi taghna taqsam il-gid tad-decujus fi tnejn: dik il-parti li hija disponibbli u l-parti l-ohra li mhijiex. Il-parti mhux disponibbli tigi matematikament kalkolata a bazi tal-**<u>Art 616 et seq</u>** **<u>tal-Kap 16</u>** (ara "**<u>Cutajar vs Cutajar</u>**" – **<u>PA/DS</u>** – 3 ta` Ottubru 2003). Ghalhekk l-ewwel haga li trid issir hija li jkun accertat jekk bid-dispozizzjoni ta` legat, id-decujus ikunx ecceda jew mar oltre l-parti disponibbli tal-patrimonju tieghu. (ara "**<u>Wismayer vs Wismayer</u>**" – Prim`Awla tal-Qorti Civili – 22 ta` Mejju 1950).*

*Skond l-**Art 648 tal-Kap 16**, sabiex tinhadem il-legittima (illum sehem rizervat) iridu jizdiedu mal-assi ezistenti fil-mument tal-mewt id-donazzjonijiet li jkunu saru mit-testatur.*

*Il-Qorti taghmel riferenza ghan-noti tal-**Prof. V. Caruana Galizia** dwar is-Successjoni pag 1021 fejn ighid hekk :-*

> *"Such addition is necessary because the portion of the deceased`s property saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The 'legitima portio' is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due ... even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights. Equally immaterial is the cause of the donation, consequently to the deceased`s estate are added not only those made purely `animo donandi` but also those made in remuneration for services, or out of gratitude ..."*

*Wara li dahal fis-sehh **l-Att XV tal-2012**, l-**Art 615 tal-Kap 16** gie jaqra hekk :-*

> *"(1) Is-sehem rizervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet rizervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-ragel jibqa` haj.*
>
> *(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem rizervat kontra l-beni tal-mejjet. Mghaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 ghandhom jigu mizjuda ma` dak il-kreditu mid-data tal-ftuh tas-successjoni jekk is-sehem rizervat jintalab fi zmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta` att gudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun ghadda dak il-perjodu ta` sentejn:*
>
> *Izda l-Qorti tista`, fejn ic-cirkostanzi tal-kaz hekk jehtiegu, tiddeciedi li ma jinghatax imghax jew tistabbilixxi rata ta` imghax li tista` tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."*

***Qabel** dahal fis-sehh l-Att XV tal-2012, ma kienx hemm il-proviso ghas-subinciz (2) li hemm illum.*

*In kwantu ghat-talba attrici, billi Carmelo Grima kellu aktar minn erba` (4) ulied, il-legittima jew sehem riservat kellu jkopri n-nofs tal-assi tieghu. L-ulied hajjin ta` Carmelo Grima li rrinunzjaw ghall-wirt u*

*rriservaw favur taghhom id-dritt ghas-sehem rizervat imisshom wiehed minn tmintax (1/18) kull wiehed mill-beni ta` Carmelo Grima. Ulied dawk mill-ulied ta` Carmelo Grima li lahqu mietu jmisshom* ***flimkien*** *dak li kien jispetta lill-genitur taghhom bhala wild ta` Carmelo Grima u cioe` wiehed minn tmintax-il parti (1/18) .*

***3) L-immobbli***

*Huwa pacifiku bejn il-kontendenti illi l-mejjet kien propjetarju ta` :-*

*(i) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond bin-172/173/174 Triq Birkirkara, San Giljan ;*
*(ii) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond 145, Triq Birkirkara, San Giljan ;*
*(iii) ½ indiviz (sehmu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond 36, Triq Birkirkara, San Giljan ;*
*(iv) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond Flat 1, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan ;*
*(v) ½ indiviz (sehmu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond Flat 2, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan ;*
*(vi) 1/10 indiviz mill-wirt ta` ibnu premort Giuliano Grima mill-fond numru 92/93, Birkirkara Hill, San Giljan ;*
*(vii) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond "Grima` Garage" u gnien warajh, taht il-flat numru 2, Triq Birkirkara, San Giljan;*
*(viii) l-intier tal-fond 12/13/14, Triq Barrakki, Qormi ;*
*(ix) ½ indiviz (sehemu mill-komunjoni ta` l-akkwisti) mill-fond "Grima`s Flats", 139, Triq Birkirkara, San Giljan ; u*
*(x) l-intier tal-Qabar numru 8, Divizjoni Lvant, Sezzjoni ittra KA, Kompartiment ittra `P` Cimiterju tal-Addolorata, Rahal Gdid.*

*Il-valuri tal-immobbli li sejra tadotta din il-Qorti huma :-*

*€86,000: 139, Triq Birkirkara, San Giljan (periti addizzjonali);*
*€75,000: Grima`s Flats, Flat 1, Triq Birkirkara, San Giljan (periti addizzjonali);*
*€98,000: 145, Triq Birkirkara, San Giljan (periti addizzjonali);*
*€372,000: 172/173/174, Triq Birkirkara, San Giljan (periti addizzjonali);*
*€22,000: 36, Triq Birkirkara, San Giljan (l-ewwel perit);*
*€182,000: 92/93, Birkirkara Hill, San Giljan (l-ewwel perit);*
*€145,000: 12/13/14 fi Triq Barrakki, Qormi (l-ewwel perit);*
*€582,000: Grima`s Garage bi gnien flimkien ma` Grima`s Flats, Flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan (l-ewwel perit);*
*€10,000: Il-qabar (l-ewwel perit).*

*Wara li kien maghluq l-istadju tal-gbir tal-provi u saret it-trattazzjoni, l-atturi kkalkolaw, ghall-fini ta` l-komputazzjoni tas-sehem riservat, il-valur intier ta` Grima`s Garage bi gnien u Flat 2, Grima`s Flats, Triq Birkirkara, San Giljan.*

*L-atturi sahqu li fir-rigward tas-sehem indiviz appartenenti lil Carmelo Grima, dan gie deciz minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta li kien inghata b`donazzjoni; ghalhekk il-valur ta` dak in-nofs kellu jkun ikkunsidrat ghal fini ta` legittima*

*L-atturi nsistew ukoll li n-nofs indiviz l-iehor ta` "Grima`s Garage" li gie mholli lill-konvenut bhala legato di cosa altrui u kif ukoll n-nofs indiviz ta` Grima Flats, Flat 2, Triq Birkirkara, San Giljan li gie mholli lil iben il-konvenut u cioe` Noel Grima b`legato di cosa altrui ghandu wkoll jigi meqjus ghall-fini tal-komputazzjoni ta` l-legittima peress li l-validita` tat-testmenti ta` Carmelo Grima qatt ma kienu attakkati u ghalhekk il-legati kellhom jigu rispettati.*

*Da parti tieghu, il-konvenut sostna li sehem minn dawn il-proprjetajiet jappartjeni lill-atturi, peress li huwa s-sehem li huma wirtu minghand ommhom Grazia mart Carmelo Grima. Skont il-konvenut, id-disposizzjoni ta` legato di cosa altrui li saret fir-rigward ta` l-proprjetajiet fuq riferiti ma kelliex effett billi l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta` Carmelo Grima u ghalhekk ghandu jigi kkunsidrat biss dak il-valur li jirrifletti s-sehem tal-konvenut.*

*Id-disposizzjoni li tittratta l-legato di cosa altrui hija l-**<u>Art 696 tal-Kap 16</u>** li taqra hekk :-*

> *"1) Il-legat tal-haga ta` haddiehor ma jiswiex, hlief jekk ikun hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga kienet ta` haddiehor u mhux tieghu ; f dan il-kaz il-werriet jista` jaghzel jew li jakkwista l-haga mhollija b`legat sabiex ighaddiha lil-legatarju, jew li jhallas lil-legatarju l-valur gust taghha.*
>
> *"(2) Izda, jekk il-haga hekk imhollija b`legat, ghalkemm tkun ta` haddiehor fi zmien it-testment, tkun saret proprjetà tat-testatur fi zmien il-mewt tieghu, il-legat ta` dik il-haga huwa validu."*

*Hemm imbaghad l-**<u>Art 698 tal-Kap 16</u>** li jghid :-*

> *"Jekk it-testatur ikollu bicca mill-haga mhollija b`legat, jew jedd fuq dik il-haga, il-legat jiswa biss ghal dik il-bicca jew ghal dak il-jedd, kemm-il darba ma jkunx hemm iddikjarat fit-testment illi t-testatur kien jaf li l-haga ma kenitx tieghu kollha."*

*Jidher illi Carmelo Grima ddispona wkoll minn nofs indiviz appartenenti lill-mejta martu meta ddikjara li l-proprjetajiet ma kinux jappartjenu lilu fl-intier taghhom.*

*Ghalhekk it-testatur mexa skond l-Art 696 tal-Kap 16 ghal dak li jirrigwarda l-validita` tad-disposizzjoni.*

*Id-disposizzjoni titfa` obbligazzjoni fuq l-eredi ta` Carmelo Grima jekk kemm-il darba huwa jiddeciedi li jakkwista l-legat imholli lilu bhala pre-legatarju.*

***Ghalhekk il-konvenut qua l-uniku werriet ta` Carmelo Grima ghandu jissodisfa l-vot tal-Art 696(1) tal-Kap 16 billi dik il-parti li ma tkunx tappartjeni lit-testatur, ladarba hekk kien iddikjarat fit-testment stess, trid tintradd lill-pre-legatarju (ossija lilu nnifsu u lil ibnu fil-kaz ta` Grima Flats, Flat 2, Triq B`Kara, San Giljan), jew jekk hu jiddeciedi li ma jghaddix il-haga lilu nnifsu u lil ibnu, huwa obbligat li jhallas il-valur gust tal-haga mhollija b`legat.***

***Jirrizulta ghalhekk illi ladarba t-testatur halla legat ta` haga ta` haddiehor u kien konsapevoli dwar dan, il-valur ta` l-haga, ghalkemm mhijiex proprjeta` tat-testatur, ghandha tigi kkunsidrata bhala parti mill-assi ereditarji tat-testatur u ergo ghandha tigi kkunsidrata wkoll ai fini ta` legittima.***

***Bhala konsegwenza, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-valur intier tal-proprjeta` Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan u kif ukoll il-valur tal-Flat 2, Grima Flats, Triq Birkirkara, San Giljan ai fini ta` komputazzjoni tal-massa ereditarja fir-rigward tal-kalkolu tas-sehem riservat.***

*Inoltre l-konvenut sostna wkoll li l-valur li ghandu jittiehed ghall-komputazzjoni tas-sehem riservat ghandu jkun ibbazat fuq il-valur ta` dawk il-beni meta ssir id-donazzjoni. Ghalhekk, fir-rigward ta` Grima`s Garage, Triq B`Kara, San Giljan, ladarba bis-sentenza taghha, din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta ddecidiet li l-kuntratt ta` bejgh kien proprjament att ta` donazzjoni maskerat, il-valur li ghandu jigi meqjus ghandu jkun dak il-valur fiz-zmien li saret id-donazzjoni, ossija fi 2002.*

*Ghal din is-sottomissjoni, ma jirrizultax illi wiegbu l-atturi.*

***Wara li hasbet fit-tul, din il-Qorti tasal biex taqbel mal-konvenut fis-sens li fir-rigward ta` nofs indiviz tal-proprjeta` Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan, il-valur li ghandu jittiehed ghall-kalkoli mehtiega ghall-iskop tal-kawza tal-lum ghandu jkun il-valur ta` dawk il-beni meta saret id-donazzjoni.***

*Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni ta` Gurisdizzjoni Generali fl-20 ta` Marzu 2014 fil-kawza "**Loreta Axiaq vs Maria Attard et**" (liema sentenza kienet appellata) fejn inghad hekk :-*

> *"Minn naħa l-oħra taqbel mal-konvenuti li, għall-istess fini ta` komputazzjoni tal-legittima dovuta lill-attrici, il-valur ta` sehem Rosina Xuereb mill-art li fuqha bniet id-dar tagħha l-konvenuta Teresa Grima, u li kien gie mogħti lilha b`donazzjoni, m`għandux ikun dak stabilit mill-perit tekniku.*

*L-artikolu 648(b) tal-Kap.16, kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004, jistipula illi :*

> *"imbagħad għandhom jigu mgħaqqdin magħhom b`kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b`donazzjoni … kwantu għall-ħwejjeg immobbli skont l-istat tagħhom fiz-zmien tad-donazzjoni u l-valur tagħhom fiz-zmien tal-mewt tad-donatur."*

*Fin-nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jiċċitaw l-artikolu 648(b) kif gie jaqra wara l-emendi imsemmija, imma kif kellha okkazzjoni tispjega din l-istess Qorti, kif ippreseduta, f`sentenza ricenti tagħha, l-Att XVIII tas-sena 2004 li ntroduca diversi emendi għall-Kodici Civili, fl-artikolu 116(2) li jirrigwarda d-disposizzjonijiet transitorji, jgħid li dawn l-emendi "japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikolu jinġiebu fis-seħħ.*

*Għalhekk fil-kaz presenti, billi d-decujus mietet fis-sena 2000, m`għandux japplika l-valur li kellu sehem Rosina Xuereb minn din l-art fl-epoka tal-istess donazzjoni, u cioe` ta` tmint elef lira maltija (Lm8000), kemm gie dikjarat li jiswa dan is-sehem fuq il-kuntratt relattiv, imma l-valur tiegħu fl-epoka tal-mewt tagħha."*

*Fid-decizjoni taghha tas-6 ta` Mejju 2013 fil-kawza "**Emanuel Borg et vs Maria Axiaq**" din il-Qorti diversament presjeduta rreferiet ukoll ghall-Art 648(b) tal-Kap 16 fejn hemm spjegat li l-valur ta` beni li testatur ikun iddispona minnu b`donazzjoni ghandu jkun skond il-valur tal-beni fil-mument tad-donazzjoni. Hemm il-perit tekniku mahtur mill-Qorti kien ivvaluta l-art in kwistjoni li giet donata fiz-zmien li saret id-donazzjoni u dik il-Qorti imbaghad imxiet fuq l-istimi tal-perit tekniku.*

*Issa fil-kaz tal-lum, il-valur ta` nofs indiviz li kien donat (mhux mibjugh) lill-konvenut kien stmat mill-perit tekniku fid-data meta rrediega r-rapport mhux fid-data tad-donazzjoni.*

*Il-Qorti mhijiex sejra titlob stima mill-gdid mill-perit tekniku u sejra tghaddi sabiex tistabilixxi hi l-valur arbitrio boni viri.*

*Issa skont l-affidavit ta` Carmel Grima (a fol 67 et seq) jidher li fis-26 ta` Awissu 2004, kienet saret valutazzjoni ta` dan in-nofs mill-Perit Godwin Abela li kkonkluda li l-valur intier kien jammonta ghal Lm 135,000.*

*Dan il-valur kien citat ukoll fis-sentenza ta` din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fejn ikkonkludiet li l-valur ta` Lm 7,000 li deher fuq il-kuntratt simulat ta` bejgh ma kienx wiehed reali. Il-Qorti hemm irreferiet ghar-rapport tal-Perit Abela. Irreferiet ukoll ghall-fatt li ftit snin wara, dan in-nofs indiviz gie ddenunzjat **mill-istess konvenut** bil-valur ta` Lm 40,000.*

*Din il-Qorti sejra ghalhekk taddotta l-valur moghti mill-Perit Abela fl-2004 ossija €157,232.70c (ekwivalenti ghan-nofs ta` Lm 135,000).*

*Ghalhekk il-valur li ghandu jigi kkunsidrat ghall-fini ta` sehem rizervat huwa €157,232.70c fir-rigward tan-nofs indiviz tal-proprjeta` Grima`s Garage li gie donat lil konvenut, filwaqt li r-rimanenti nofs indiviz ta` Grima`s Garage, u l-intier ta` Flat 2, Grima Flats, Triq Birkirkara, San Giljan, ghandu jigi kkalkolat mis-somma intiera ta` €582,000, l-ammont ta` €436,500 (3/4 ta` €582,000).*

*Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-valutazzjoni ta` €593,732.70c hija wahda gusta u taqbel ma` dak allegat mill-konvenut illi l-valur tal-proprjeta` naqset minn mindu giet iddonata lilu fl-2002 peress li b`dawn il-kalkoli, il-valur ta` nofs indiviz ta` Grima`s Garage fis-sena 2002 huwa oghla mill-valur attwali ta` l-istess fond hekk kif ikkomputat mill-perit tekniku.*

***Per konsegwenza, il-valur ta` l-assi mmobbli li jifformaw parti mill-massa ereditarja tad-decujus hija s-somma globali ta` €1,093,432.70c u cioe` : €593,732.70c + €43,000 + €11,000 + €18,200 + €145,000 + €10,000 + €37,500 + €49,000 + €186,000.***

***4) Flus il-bank***

*Apparti l-immobbli, jirrizulta li Carmelo Grima kellu wkoll flus il-bank li wkoll iridu jigu kkalkolati sabiex jigi determinat is-sehem riservat.*

*Tajjeb osserva l-konvenut li kontijiet bankarji li mmaturaw fiz-zmien meta d-decujus Carmelo Grima kien ghadu haj jew kontijiet illi l-bilanc taghhom gie withdrawn fi zmien meta Carmelo Grima kien ghadu haj. (sic)*

*Ghalhekk il-kontijiet bankarji li ghandhom jinghataw konsiderazzjoni huma dawn :-*
*HSBC current account bin-numru 008-008179-001 (numru antik 081902690) €6.41c;*
*HSBC savings account bin-numru 008-008179-050 (numru antik 084063142) €15,860.87c. Dan l-ammont jinkludi €7,020.00 li gew minn kont fixed bin-numru 033-188061-100;*
*HSBC savings account bin-numru 008-008179-051 €517.70c;*
*HSBC savings account bin-numru 008-008179-451 STG 70.84c ekwivalenti ghal €96.40c;*
*BOV term deposit account bin-numru 118-0297004-2 GBP 440.75c ekwivalenti ghal €599.90c;*
*BOV fixed account bin-numru 118-0297001-3 €4,831.12c.*

***It-total huwa €21,912.40.***

*Hemm ukoll il-kwistjoni tal-flus depositati man-Northern Rock gewwa Guernsey fic-Channel Islands.*

*L-atturi jinsistu li l-proventi ta` dak l-investiment ghandu jghodd ghall-kalkolu tas-sehem rizervat.*

*Skont il-verbal a fol 382 u 383, jirrizulta li Joan Cassar, Carmel Grima u Emanuel Grima (tlieta mill-ahwa) kellhom kont miftuh f`isimhom. Ighidu li dawk il-flejjes jaghmlu parti mill-beni ta` missierhom, u ghalhekk ghandhom jitqiesu fil-komputazzjoni tal-legittima.*

*Il-konvenut jikkontesta din id-dikjarazzjoni.*

*Ghalhekk il-Qorti sejra tqis jekk il-flus tan-Northern Rock ghandhomx jigu meqjusa wkoll fil-kalkolu tal-massa ereditarja tad-decujus.*

*Ghandu jinghad illi ghas-sehem rizervat "si calcola sull`intero patrimonio, compresavi ogni specie di largizione gratuita, colla sola deduzione dei debiti e delle spese funerarie" (**Vol IX. 297**).*

*Ghalhekk ghandha tigi kalkolata fuq il-patrimonju kollu li minnu jridu jitnaqqas id-dejn inkluz l-ispejjez tal-funeral tad-decujus.*

*Fis-sentenza riportata fil-**Vol. XXXIII.I.4724** inghad :*

> *"Ir-rigali li d-decujus jaghmel a favur ta` kwalunkwe persuna ghandhom jigu mdahhlin fir-rijunjoni tal-patrimonju tad-decujus biex tigi kalkulata l-legittima ; u anki l-legati li d-decujus ikun ghamel favur xi persuni, anki jekk ikunu legati ta` benificenza"*

*Skont ix-xiehda viva voce li tat l-attrici Joan Cassar, jirrizulta illi l-flus tan-Northern Rock kienu nghataw lill-erbat ahwa minn Carmelo Grima bhala hlas ghal servigi li rrendew favur tieghu.*

*Il-qorti sejra ticcita verbatim dak li qalet Joan Cassar :-*

> *"Jiena u t-tlett huti matul is-snin konna ghamilna hafna xoghol. Jiena tajt is-servizz tieghi d-dar u r-ragel tieghi ta ghajnuna kbira hafna. Huti zewg subien wiehed kien jahdem fuq tal-linja u jaghmel maintenance fuq ix-xarabanks u jithallas bi ftit. U Charlie l-iehor kien ta xi flus lil missieri meta siefer biex joqghod hemm barra ghamel tlett xhur u kien jiehu hsieb il-maintenzance tad-dar il-hin kollu jaghmel daqqa saqaf, ohra gallarija. Kellna postijiet kien jaghmel daqqa tarag, kollox minn butu …Dawk il-flus dawk kienu ta` missieru u bhala kontribuzzjoni tax-xoghol li ghamilna ghaddihom lili, lil hija Leli, lil hija Charlie u lil Salvu. ….Kienu tal-papa` ghaddihom lilna ghax-xoghol li ghamilna u kienu jghajtu lilna." (ara fol 357)*

*Il-qorti tinnota li in segwitu Joan Cassar ipprezentat affidavit fejn - ghal ragunijiet taghha - ma regghet semmiet xejn dwar ir-raguni ghalfejn inghatat dawk il-flejjes flimkien mat-tlett hutha l-ohra.*

*Meqjus l-assjem din il-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta` illi taccetta l-verzjoni li tat viva voce Joan Cassar bhala korretta u veritiera ghar-rigward tar-raguni ghalfejn inghataw dawn il-flejjes.*

***Ghalhekk ladarba dawk kienu hlas jew kontribuzzjoni ghas-servizzi rezi lid-decujus, mhux se jitqiesu ghall-fini tal-komputazzjoni ta` sehem rizervat.***

***5) <u>Aktar</u>***

*Jifdal li tigi trattata l-kwistjoni ta` flejjes ohra li kienu nghataw mid-decujus lil xi whud mil-legitimarji u lill-konvenut.*

***i) <u>Lm 7,000 iddonata lill-konvenut skont skrittura a fol 335</u>***

*Skont skrittura tad-29 ta` April 2002, Carmelo Grima ta b`donazzjoni lill-konvenut u martu s-somma ta` Lm 7,000. Kienet donazzjoni rrevokabbli in vista ta` s-servizzi li kien diga` rrendewlu.*

*L-atturi jsostnu li din is-somma ukoll ghandha tigi kkunsidrata fil-komputazzjoni tal-massa ereditarja peress li l-konvenut ma ressaqx provi li verament rrenda servizzi lid-decujus li kienu jimmeritaw li dik id-donazzjoni tikkwalifika bhala debitu li kien dovut mid-decujus.*

*Mill-banda l-ohra, il-konvenut isostni li min jallega jrid jipprova u ghalhekk il-prova li ma gewx rezi servizzi lid-decujus tispetta lill-atturi.*

*Ladarba, skont il-konvenut, tali prova ma ngabitx, is-somma ta` Lm 7,000 ma ghandhiex tigi kkalkolata ghal kalkolu tal-porzjon riservat.*

*Din il-Qorti kkostatat illi l-konvenut ma ressaq l-ebda provi dwar x`servizzi allegatament irrenda lil missieru.*

*Mill-banda l-ohra, l-attur Carmel Grima xehed b`mod dettaljat li missieru kien jigi assistit minn Giljan li jigi iben huh Toni li ghamel zmien twil jorqod ma` missieru d-decujus peress li dan kien safa` wahdu.*

*Irrizulta li sussegwentement, l-atturi Joan u Manuel bdew jorqdu ma` missierhom filwaqt li l-ahwa l-ohra kienu jghinuh wkoll fil-bzonnijiet ta` kuljum.*

*Jidher illi Carmelo Grima mar Casa Leone biex ikollu kura kontinwa. Ghalhekk minn hemm id-decujus kien taht il-kura ta` professjonisti.*

*Minkejja li ma tressqux provi f`dan ir-rigward mill-konvenut, fis-sentenza fil-kawza Nru 609/2007 (fol 625 et seq tal-process), hemm riprodotta xiehda li taw il-konvenut u martu, fejn dawn sostnew li kienu huma u oht il-konvenut Dorothy li kienu jiehdu hsieb missierhom filwaqt li l-atturi l-ohra kienu biss imorru jzuruh. Fix-xhieda hemm riprodotta, irrizulta li l-attur Carmelo Grima ikkonferma li Salvu Grima kien ghamel*

*xi xhur jorqod ma` missieru, izda l-ahwa l-ohra wkoll kienu jmorru jorqdu mieghu. Carmelo Grima u Joan Cassar sostnew li l-ulied kollha kienu jiehdu hsieb lil missierhom.*

*Ghalhekk jidher li hemm xhieda konfliggenti dwar min kien jiehu hsieb lil missier , ghalkemm hemm qbil li sussegwentement, il-missier mar go dar ta` l-anzjani.*

*Apparti x-xhieda konfliggenti, huwa sinjifikanti hafna l-fatt li l-iskrittura ta` donazzjoni ggib l-istess data tal-kuntratt simulat ta` l-bejgh li permezz tieghu l-konvenut u martu dehru li xtraw nofs indiviz minn Grima`s Garage, Triq Birkirkara, San Giljan.*

*Din il-Qorti hija tal-fehma li din id-donazzjoni ta` Lm 7,000 saret mhux bhala hlas ta` xi servizzi li saru mill-konvenut, izda sabiex il-konvenut jkollu Lm 7,000 u jidher li ser ihallas lil missieru b`dawn il-flus sabiex tinholoq sembjanza li sehh kuntratt ta` bejgh u mhux kuntratt ta` donazzjoni fir-rigward ta` dan in-nofs indiviz.*

***Hija l-fehma konvinta ta` din il-Qorti illi fir-rigward ta` dawn il-flejjes, m`ghandhomx (sic) jigu kkunsidrati mal-massa ereditarja tad-decujus.***

*Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-konvenut li ghandha tigi kkunsidrata biss nofs il-valur ta` din is-somma moghtija b`donazzjoni peress li nofs is-somma giet donata lil mart il-konvenut. Kif inghad qabel, ghall-fini ta` komputazzjoni, ghandhom jigu kkunsidrati l-ammonti kollha moghtija b` rigal inkluzi legati ta` beneficenza.*

***ii) <u>Donazzjoni lil Dorothy Zammit</u>***

*Il-konvenut isostni li Dorothy Zammit irceviet donazzjoni ta` Lm 2,000 minghand missierha u ghalhekk din ghandha tinqata` minn sehem Dorothy Zammit.*

*Jidher mix-xhieda ta` l-konvenut a fol 473 et seq illi ma jafx il-metodu kif din inghatat din l-allegata donazzjoni. Il-konvenut ma setax jelabora dwar jekk dawn il-flus kinux bi hlas ghal xi haga li ghamlet Dorothy Zammit, jew jekk dawn kinux semplici rigal jew jekk dawn kinux self.*

*Mill-banda l-ohra, Dorothy Zammit u xhieda ohra ma kkumentaw xejn dwar dawn il-flejjes.*

*Rinfaccata b`dan in-nuqqas ta` provi dwar x` kienet ezattament din l-ghotja u l-motivazzjoni warajha, din il-Qorti ma tarax li hemm provi konvincenti bizzejjed li jwassluha sabiex din is-somma flus tigi ridotta mis-sehem riservat dovut lil Dorothy Zammit.*

***iii) <u>Donazzjoni lill-attur Carmelo Grima</u>***

*Il-konvenut isostni li l-attur Carmelo Grima nghata self ta` Lm 3,500 b` imghax ta` 7% fis-sena.*

*Jippretendi li kellu jitnaqqas mis-sehem rizervat li jmiss lil Carmelo Grima t-total ta` l-imghax li ddekorra mis-7 ta` Ottubru 1999 sas-6 ta` Ottubru 2015 ammontanti ghal €9,131.14, u tal-kapital ta` Lm 3,500 ekwivalenti ghal €8,153.*

*Il-konvenut ikkalkola l-imghax mis-7 ta` Ottubru 1999 peress li pprezenta rcevuta a fol 465 tal-process fejn saret referenza ghal hlas ta` imghax dekors.*

*Fis-sottomissjonijiet finali taghhom, l-atturi sahqu li fix-xhieda li ta fit-28 ta` Frar 2012, Carmelo Grima spjega li huwa kien ta lura dawk il-flus lil missieru wara li talabhomhlu.*

*Il-Qorti fliet fuq li fliet izda ma rnexxielhiex issib bhala prova fl-atti ta` din il-kawza dak li nghad fis-sottomissjonijiet finali.*

*Fl-istess waqt jidher illi waqt is-smigh tal-provi fil-kawza bin-Nru 609/2007 (a fol 626) illi fil-kontroezami (ara fol 239 ta` dak il-process) Carmelo Grima sostna li missieru kien tah Lm3,500 biex izommhomlu u wara xi zmien kien talabhomlu lura, ghaliex kien gie bzonnhom il-konvenut, ghalhekk kien irritornahomlu.*

*Jidher li din irrepetiet ruhha xi zmien wara u ghalhekk l-attur Carmelo Grima nvesta dawn il-flus ghal missieru u kien ghaddielu l-interessi, kontra ricevuti.*

*Fl-istess sentenza jinghad li l-attur Carmelo Grima xehed li kien izomm dawn ir-ricevuti fi ktieb fil-karozza tieghu u li darba fost l-ohrajn meta kien ser iwassal lil missier flimkien ma` l-konvenut, dan il-ktieb sparixxa.*

*Meta din il-Qorti tara r-ricevuta a fol 465, ma jirrizultax minnha li hemm referenza li din is-somma ta` Lm 3,500 kienet mislufa.*

*Jista` jaghti l-kaz li din is-somma kienet sempliciment moghtija sabiex jzommha fil-pussess tieghu l-attur u jaghti imghax lil missieru minn din is-somma.*

*Din il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll tal-ittra a fol 464 tal-process fejn l-attur sostna li ma kien sar l-ebda self minghand il-genituri tieghu u dana in linea ma` dak li sostna l-istess attur fix-xiehda li ta fil-kawza bin-nru 609/2007 u li giet rapportata fis-sentenza a fol 626 et seq.*

*Meta l-konvenut kien mistoqsi minn din il-Qorti stess waqt li kien qed jixhed (a fol 452 et seq tal-process) ghal aktar dettalji, il-konvenut sostna li ma jafx kif gew mislufa izda jaf li missieru kien talabhomlu u dan baqa` qatt ma tah is-somma lura mislufa kif ukoll waqaf li jhallas l-interessi.*

***Din il-Qorti ma tarax li tressqu provi sufficjenti li jimmeritaw li din is-somma tigi mnaqqsa mis-sehem riservat ta` l-attur Carmelo Grima.***

*6)* ***Kalkolu***

*Il-Qorti sejra tqis jekk bil-laxxiti li ghamel, id-decujus marrux oltre jew in eccess tal-parti disponibbli tal-wirt tieghu.*

*Jidher li l-valuri tal-beni li thallew bhala prelegati u legati huma konsiderevoli.*

***Hija l-fehma konsiderata ta` din il-Qorti li l-parti disponibbli kienet leza mid-decujus fid-disposizzjoni testamentarji tieghu.***

*Il-beni ta` d-decujus jikkonsistu f`li gej :-*

*Immobbli - "€1,093,432.70;*

*Flus il-bank - €21,912.40;*

*Donazzjoni lill-konvenut - €16,305.61.*

***Total : €1,131,650.71**.*

***Fuq din il-massa ereditarja ghandu jsir il-kalkolu tas-sehem rizervat**.*

***Dan il-kalkolu ghandu jsir fuq in-nofs**.*

*Din il-Qorti tgħid li kull wieħed mill-atturi li jiġi wild id-decuius Carmelo Grima għandu jirċievi wieħed minn tmintax (1/18) ta' dik il-parti tal-massa ereditarja li fuqha għandu jinħadem is-sehem riżervat. Dan ifisser illi dawn l-atturi jirċievu kull wieħed l-ammont ta'* ***€62,869.48****. L-ulied ta' dawk l-ulied tad-decuius li laħqu mietu jirċievu* ***flimkien*** *l-ammont ta' €62,869.48 li kien jispetta lil dak il-ġenitur tagħhom li kien wild tad-decuius Carmelo Grima.*

*7)* ***L-imghax***

*Il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis il-kwistjoni tal-imghax fuq l-ammont tas-sehem riservat dovut.*

***L-Art 1139 tal-Kap 16*** *jaqra :-*

> *"Bla hsara ta` kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar il-garanzija u s-socjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet*

> *fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena."*

*Fil-kaz tal-lum jirrizulta li l-atturi pprezentaw ir-rikors guramentat fit-12 ta` Ottubru 2007.*

*Carmelo Grima miet fl-14 ta` Jannar 2007.*

*Ghalhekk it-talba gudizzjarja tal-atturi saret anqas minn sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni.*

*Il-proviso tal-Art 615(2) tal-Kap 16, kien introdott bl-Att XV tal-2012.*

***Huwa evidenti illi kemm fid-data tal-mewt ta' Carmelo Grima kif ukoll fid-data tal-presentta tar-rikors ġuramentat, il-proviso ma kienx jagħmel parti mil-liġi tagħna.***

***Ghalhekk abbażi tal-istat tad-dritt fiż-żmien tal-presentata tar-rikors ġuramentat, il-Qorti ma għandhiex diskrezzjoni li tiddeċiedi li tnaqqas ir-rata ta' imgħax jew addirittura tordna li ma jitħallasx imgħax.***

***Fil-każ tal-lum igħodd l-Art 615(2) tal-Kap 16, kif kien qabel kien introdott il-proviso.***

***Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti sejra tordna li b`zieda mal-ammont kapitali, ghandu jithallas lill-atturi imghax ta` 8% fis-sena fuq dak il-kapital b`effett mill-14 ta` Jannar 2007: data tal-ftuħ tas-suċċessjoni sad-data tal-effettiv pagament.***

***8) <u>Il-kjamata fil-kawża</u>***

*Illum il-kjamata fil-kawża hija rappreżentata minn uliedha.*

*Tirriżulta adeżjoni da parti tagħhom għar-rikors ġuramentat.*

*Kien aċċertat il-fatt li l-kjamata fil-kawża rrinunzjat għal wirt ta' missierha.*

*In vista tad-deċiżjoni li sejra tagħti llum fil-kawża "**<u>Calleja vs Grima</u>**" (Rik. Ġur. Nru. 203/2013) din il-Qorti tgħid li l-kjamata fil-kawża ma għandhiex tbati spejjeż fil-kawża tal-lum.*

*L-ispejjeż tal-kjamata fil-kawża għandu jħallashom il-konvenut.*

***9) <u>Is-sitt (vi) talba</u>***

*Dment illi jibqa' dovut lill-atturi l-ħlas tas-sehem riżervat likwidat bis-sentenza tal-lum, kif fuq ingħad, il-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1330/07AF fl-ismijiet "Carmel Grima et vs Saviour Grima" għandu jibqa' veljanti.*

*Għalhekk, il-Qorti qegħda tilqa' s-sitt talba attriċi*";

8. L-intimat ħassu aggravat bl-imsemmija sentenza u b'Rikors tal-Appell imressaq minnu fis-17 ta' Frar, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti tħassarha, tirrevokaha jew, fin-nuqqas, tirriformaha billi filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu, tiċħad it-talbiet attriċi safejn inkompatibbli mas-sottomissjonijiet tiegħu fl-aggravji mressqa u, minflok, tillikwida somma korretta u ġusta f'sehem riżervat spettanti lill-atturi appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

9. Bi Tweġiba mressqa minnhom fit-3 ta' Marzu, 2016, u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi appellati qablu mal-appellant dwar it-tielet aggravju tiegħu imma warrbu l-aggravji l-oħrajn u qalu li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

10. Bi Tweġiba mressqa fl-10 ta' Marzu, 2016, l-imsejħin fil-kawża aħwa Calleja (ulied u aventi kawża tal-mejta Josephine Calleja) laqgħu għall-imsemmi appell billi, filwaqt li tennew il-pożizzjoni minnhom meħuda fit-Tweġiba tal-Appell li ressqu fil-kawża li tinsab miexja ma' din, qablu mat-tielet aggravju tal-appellant, iżda mill-bqija qalu li l-Qorti jmissha tiċħad l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ virtwali tat-23 ta' Marzu, 2021, f'liema smigħ ħalliet l-appell għas-sentenza;

12. Rat l-atti kollha tal-kawża u kif ukoll dawk tal-kawża Numru 203/13 li kienet miexja magħha, u atti oħrajn rilevanti;

***Ikkunsidrat:***

13. Illi fl-appell tiegħu, l-appellant qajjem **għaxar aggravji** mis-sentenza appellata. Fil-qosor, dawn l-aggravji jgħidu (i) li l-ewwel Qorti ma messhiex għaddet bħala biċċa mill-ġid tal-wirt dak il-ġid li Carmelo Grima kien ħalla bħala legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor ("*legato di cosa altrui*"), għax dak ma kienx jagħmel parti minn ġidu; (ii) li l-valur tal-post (appartament) numru tnejn (2) "*Grima's Flats*" fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan, kellu jittieħed skond kemm kien jiswa dakinhar li nfetaħ il-wirt; (iii) li l-ewwel Qorti ħadmet ħażin is-sehem (kwota) tal-mejjet fil-korp ta' postijiet bin-numri 172, 173 u 174, fi Triq Birkirkara, San Ġiljan[3]; (iv) li mill-valur tad-donazzjoni "simulata" ta' nofs il-fond "*Grima's Garage*" fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan, kien messha titnaqqas dik il-parti tal-għotja li saret b'mod oneruż, jiġifieri s-somma ta' sebat elef ewro (€7,000); (v) dwar jekk is-somma mogħtija b'donazzjoni lilu u lil martu għas-serviġi li huma taw lil

[3] Kif ingħad, l-appellati jaqblu ma' dan l-aggravju (ara par "iii" tar-Risposta tal-Appell, f'paġ. 749 tal-proċess)

Carmelo Grima kellhiex titqies bħala parti mill-ġid tal-wirt li fuqu ried jitqies il-valur tas-sehem riżervat; (vi) li l-legat imħolli lill-attur appellat Julian Grima kien jiswa aktar mis-sehem li jmissu mis-sehem riżervat likwidat fis-sentenza appellata, u għalhekk tali legat imissu jittieħed akkont ta' dak is-sehem; (vii) li l-valuri ta' wħud mill-ġid immobbli fil-wirt mogħti mill-periti addizzjonali li fuqhom straħet l-ewwel Qorti kienu frott iż-żmien li kien laħaq għadda minn mindu nfetaħ il-wirt, u kellhom għalhekk jgħoddu l-valuri mogħtija mill-ewwel perit ġudizzjarju għaliex dawn kienu eqreb lejn il-jum li fih infetaħ il-wirt; (viii) li l-ewwel Qorti ħadmet ħażin il-mixi tal-imgħaxijiet fuq l-ammont likwidat tas-sehem riżervat, billi ma nqdietx bid-diskrezzjoni li tagħtiha l-liġi biex tnaqqashom; (ix) l-ewwel Qorti ma messhiex aċċettat li l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni miksub mill-appellati kellu jibqa' fis-seħħ mal-għoti tas-sentenza; u (x) li hemm lok għal bdil fil-kap tal-ispejjeż;

14. Illi bl-**ewwel aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma messhiex għaddet bħala parti mill-wirt ta' missieru dawk l-ishma ta' ġid immobbli li kienu "*di cosa altrui*", u b'mod partikolari l-ishma li kellha martu Grazia li mietet qablu u liema ishma kienu ntirtu mill-istess uliedha (magħduda l-appellati) qabel ma ġie nieqes hu. L-appellant jgħid li l-ewwel Qorti ma fissritx għaliex kienet qiegħda tieħu din id-deċiżjoni, u l-fatt li dik il-Qorti sabet li legat bħal dak kien jiswa, ma kienx iwassal biex il-ġid hekk imħolli b'legat – ukoll jekk sal-mewt tad-*decuius* dak il-ġid ma

jkunx jagħmel minn wirtu – kellu jintgħadd għall-finijiet tas-sehem riżervat. B'mod partikolari, l-appellant jgħid li ladarba l-ħaġa mħollija b'legat tkun ġid ta' ħaddieħor, ma seta' qatt ikun li dak il-ġid – li jaqa' fuq il-werriet li jiksbu wara li jinfetaħ il-wirt għall-benefiċċju tal-legatarju – kellu b'xi mod jitqies li kien ġid li fuqu tinħadem il-kwota tas-sehem riżervat. Huwa jżid jgħid li, ladarba l-ġid imħolli b'legat "*di cosa altrui*" f'dan il-każ kien għadda diġà għand l-appellati meta wirtu lil ommhom, l-istess appellati kienu se jgawdu għal darbtejn – l-ewwel darba meta jitħallsu mingħandu talli se jikseb mingħandhom l-ishma li tħallew minn missieru b'legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor, u t-tieni darba meta mas-sehem riżervat li jmisshom jirċievu, se jintgħadd ukoll il-valur tal-legati hekk miksuba. Dan, ikompli jgħid, mhux biss ma jagħmilx sens, imma se joħloq inġustizzja miegħu bħala l-werriet waħdien ta' missieru;

15. Illi għal dan l-aggravju l-appellati laqgħu billi qalu ma kienx hemm dubju li d-dispożizzjonijiet partikolari testamentarji ta' Carmelo Grima kienu qabżu s-sehem li minnu seta' jagħmel bħala testatur u għalhekk l-eżerċizzju mwettaq mill-ewwel Qorti li tqis ukoll il-valur tal-ħwejjeġ ta' ħaddieħor li tħallew b'legat kien kemm f'postu u kif ukoll mistħoqq. Itennu li, ladarba ħareġ li d-*decuius* kien għażel li jagħti b'titolu partikolari aktar minn dak li kien seta' jiddisponi minnu bla ma jaqbeż il-biċċa li trid tagħmel tajjeb għas-sehem riżervat spettanti lilhom, il-konsegwenza li jilminta

minnha l-appellant mhijiex mistħoqqa għaliex dik ukoll kienet l-effett tar-rieda tat-testatur meta fassal it-testment tiegħu bil-mod li sar;

16. Illi l-imsejħin fil-kawża qalu li l-aggravju ma jiswiex għaliex hija r-rieda nnifisha tal-liġi li, għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat, jintgħaddu b'mod fittizju assi jew ġid li ma jkunux għadhom ġew jew ma jkunux iżjed f'idejn il-mejjet mal-mewt tiegħu. Billi l-legat ta' ħwejjeġ ta' ħaddieħor huwa ġid li t-testatur jista' jiddisponi minnu, dak il-ġid irid jintgħadd ukoll biex wieħed jasal għas-sehem riżervat xieraq;

17. Illi l-Qorti temmen li dan l-aggravju jrid jitqies fid-dawl tal-fatti li joħorġu mill-atti dwar dan il-każ. Irid jitqies ukoll mill-ħarsien tal-prinċipju li s-sehem riżervat mogħti mil-liġi jibqa' mhux mittiefes minkejja li t-testatur jista' jkun għamel fit-testment tiegħu dispożizzjonijiet b'titolu partikolari li jnaqqru mill-ġid tal-wirt dik il-parti merfugħa biex tagħmel tajjeb għas-sehem imsemmi. Għalhekk, bit-twettiq tar-"rijunjoni fittizja" jsir eżerċizzju tal-likwidazzjoni tal-ġid tal-wirt li jkun u, minn dak li joħroġ, jinstilet is-sehem riżervat. Il-liġi nnifisha tgħid x'għandu jiddaħħal f'tali eżerċizzju biex tinħareġ il-konsistenza tal-wirt għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riżervat[4];

[4] Art. 620(2) u (3) tal-Kap 16

18. Illi huwa magħruf li l-legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor, meta magħmul kif titlob il-liġi[5], iħalli l-effetti tiegħu bħal kull legat ieħor b'seħħ mill-waqt li tinfetaħ is-suċċessjoni. Minbarra dan, jekk legat bħal dak ikun jiswa, il-werriet huwa marbut li jħallsu jekk jaċċetta l-wirt iżda, sakemm iħallsu, ladarba l-legat huwa ta' ħaġa li ma tkunx tinsab fil-wirt mal-mewt tat-testatur, il-proprjeta` ma tgħaddix għand il-legatarju qabel ma jsir il-ħlas[6]. Minkejja dan, il-proprjeta` tal-ħaġa ta' ħaddieħor imħollija b'legat tinkiseb mingħand it-testatur. Dan ifisser li biex ħaġa titqies li tagħmel mill-wirt ta' testatur għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat, mhux meħtieġ li dik il-ħaġa tkun tinsab fil-wirt fil-waqt tal-mewt tiegħu u l-ftuħ tas-suċċessjoni tiegħu. Fit-tieni lok, hemm ċirkostanzi oħrajn maħsuba fil-liġi fejn, għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat, ħwejjeġ li fl-imgħoddi kienu jagħmlu mill-ġid tat-testatur iżda li jkun iddispona minnhom matul ħajtu – bħalma huma d-donazzjonijiet u għotjiet b'liberalita` – jintgħaddu xorta waħda[7]. Għalhekk, kif sewwa jgħidu l-appellati fis-sottomissjonijiet tagħhom, l-appellant ma għandux raġun jilmenta minn dak li jissemma fis-sentenza appellata f'dan ir-rigward għaliex biċċa sewwa mill-proċess tal-kejl tas-sehem riżervat tinvolvi r-"rikostruzzjoni" (u mhux biss l-aċċertament) tal-ġid tal-mejjet[8];

---

[5] Art. 696(1) tal-Kap 16
[6] App. Ċiv. **27.1.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelo Cauchi et v. Joseph Cauchi et*** § 27
[7] Art. 648(b) tal-Kap 16
[8] App. Ċiv. **28.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Avukat Dr. Chris Said noe v. Mary Abela pro et noe***

19. Illi, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-aggravju mhuwiex mistħoqq u mhux se tilqgħu;

20. Illi bit-**tieni aggravju** tiegħu l-appellant jilminta mill-valutazzjoni li għamlet l-ewwel Qorti dwar il-fond (bl-isem ta' "*Grima's Garage*" u l-ġnien ta' warajh, fi Triq Birkirkara f'San Ġiljan) li kien jifforma l-mertu ta' kuntratt li, b'sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'kawża oħra[9], nstab li kien wieħed simulat u li, fil-fatt, kien kuntratt ta' liberalità mistur bħala kuntratt ta' xiri-u-bejgħ; u kif ukoll dwar il-fond numru tnejn (2) f'"*Grima's Flats*" f'139 Triq Birkirkara f'San Ġiljan. L-ewwel oġġezzoni tiegħu hija li ż-żewġ fondi minn dak il-ġid tqiesu mill-ewwel Qorti bħala fond wieħed (u għażlet l-istima mogħtija mill-ewwel perit minnha maħtur fl-ammont ta' € 582,000), u jisħaq li għandhom jitqiesu kull wieħed minnhom għal rasu. Minbarra dan, huwa jgħid li ladarba sehem mill-imsemmi ġid kien jagħmel mill-ġid tal-omm (u li l-appellati kienu diġa` wirtuh żmien qabel miet missierhom), ma kienx sewwa li l-ewwel Qorti qieset il-valur sħiħ tiegħu meta messha qieset il-valur ta' nofs ($^1/_2$) dak il-ġid għall-finijiet tal-kejl tal-ġid li fuqu jrid jinħadem is-sehem riżervat. Fit-tifsira tal-aggravju tiegħu, l-appellant jgħid ukoll li messu tqies il-valur tal-imsemmi ġid fil-waqt li nfetaħ il-wirt, u mhux il-valur mogħti bosta snin wara. Huwa jgħid li, salv it-tnaqqis li jsemmi fir-raba' aggravju, il-valur xieraq li messu ngħata lil

[9] Rik. Nru. 609/07JPG fl-ismijiet ***Carmel Grima et v. Saviour Grima et***

dan il-ġid għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat kellu jkun ta' mija u ħamest elef sitt mija u ħamsa u sebgħin ewro (€105,675);

21. Illi għal dan l-aggravju l-atturi appellati jilqgħu billi jgħidu li mhux mogħti li Qorti twarrab bħax-xejn il-fehma ta' perit ġudizzjarju, l-aktar fejn il-ħila tiegħu tkun waħda teknika, sakemm ma jintweriex li dak il-"*giudizio dell'arte*" ma jkunx sar b'mod irraġonevoli jew "priv minn dawk l-elementi assodanti li jwasslu għall-konvinċiment". Żiedu jgħidu li l-ewwel Qorti għamlet sew li, meta qieset il-valur tal-ġid, żammet f'moħħha wkoll il-potenzjal li dak il-ġid jista' joffri, aktar u aktar meta dak il-ġid se jinqeda bih l-appellant. B'mod partikolari jgħidu li, dwar il-garaxx u l-ġnien ta' miegħu, l-ewwel Qorti fissret b'mod ċar għaliex il-valur kellu jitqies fiż-żmien li saret id-donazzjoni. Għalhekk, jisħqu li dan l-aggravju ma jistħoqqlux jintlaqa';

22. Illi l-appellati msejħin fil-kawża jilqgħu għal dan l-aggravju billi, filwaqt li jirreferu għall-kummenti li għamlu dwar l-ewwel aggravju, jgħidu li biex wieħed ifittex sewwa jekk is-sehem riżervat tħarisx jew le (bid-dispożizzjonijiet li jkun għamel minnhom il-mejjet fit-testment), irid jittieħed qies tal-valur tal-ġid fiż-żmien tal-ftuħ tal-wirt, għalkemm għall-finijiet tal-kejl tal-istess sehem, irid jittieħed qies tal-valur ta' dak il-ġid f'data l-aktar qrib tas-sentenza li se tillikwida dak is-sehem. Jgħidu wkoll li l-fehma ta' espert maħtur minn qorti ma għandhiex titwaqqa' kif ġieb u

laħaq, l-aktar jekk dik il-fehma tkun imsejsa fuq ħila teknika li l-qorti ma jkollhiex. B'mod partikolari, dwar dik il-parti tal-aggravju fejn l-appellant jilminta li l-ewwel Qorti qieset l-appartament u l-garaxx bil-ġnien miegħu bħala korp wieħed, huma jgħidu li ladarba l-fondi huma parti mill-istess korp u t-tnejn huma battala, jagħmel sens li jingħataw valur wieħed ilkoll flimkien u li l-valur mogħti lil dak il-ġid mill-ewwel Qorti kien wieħed xieraq;

23. Illi ma hemmx dubju li dan l-aggravju jinbena fuq ta' qablu u jiġbed ħafna minnu. Għalhekk, safejn l-appellant iressaq ilmenti dwar il-valutazzjoni tas-sehem li tħalla b'legat tal-ħaġa ta' ħaddieħor, il-Qorti terġa' tirreferi għall-kunsiderazzjonijiet li għamlet dwar l-ewwel aggravju u b'hekk tiċħad din il-parti ta' dan l-aggravju wkoll[10]. Safejn l-aggravju jitkellem dwar il-valutazzjoni magħmula mill-perit, il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti għażlet li timxi mal-valutazzjoni magħmula mill-ewwel perit imqabbad minnha[11]. L-ewwel Qorti fissret ukoll għaliex għażlet li tagħmel dan u għaliex il-korp ta' bini qisitu bħala entita` waħda. Jidher ukoll li, fost il-kunsiderazzjonijiet li dik il-Qorti għamlet hija u tqis il-kwestjoni, qalet espressament li kienet taqbel ma' dak li ssuġġerixxa l-istess appellant. F'dan ir-rigward, għalhekk, din il-Qorti ma ssibx li dan l-aggravju huwa tassew mistħoqq. Dik il-Qorti mxiet sewwa mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi kif kienu jgħoddu għaċ-ċirkostanzi tal-każ u kif

---

[10] §§ 17 – 8 *supra*

[11] Fuq qbil bejn il-partijiet, il-periti addizzjonali ma stmawx da nil-ġid, ara paġġ. 598 – 9 tal-proċess

ukoll mat-tifsira li ngħatat lil dak l-artikolu, l-aktar dwar dak il-ġid li l-mejjet ikun iddispona minnu b'liberalita`[12] (bħalma irriżulta f'dan il-każ fejn it-trasferiment lill-appellant tqies b'sentenza li saret ġudikat li kien fis-sewwa donazzjoni u mhux trasferiment oneruż). Minbarra dan, fost l-argumenti mressqa mill-appellant taħt dan l-aggravju, huwa jissuġġerixxi li din il-Qorti toqgħod fuq l-istima mogħtija liż-żewġ fondi mill-ewwel perit. Madankollu, il-Qorti tinnota li kien l-istess imsemmi perit[13] li kien qies li, ladarba l-inkwilina Josephine Calleja (l-imsejħa fil-kawża) kienet mietet, il-ġid li kien imiss ma' xulxin kellu jitqies bħala korp wieħed għall-finijiet ta' valutazzjoni u qies il-potenzjal ta' dak li seta' jsir minnu;

24. Illi din il-Qorti tqis li fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat huwa ġudizzjarjament stabilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-ġid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali ġid fiż-żmien li ssir il-likwidazzjoni[14]. Dan jgħodd kemm jekk is-sehem riżervat jingħata f'ġid mill-wirt u kif ukoll jekk jitħallas fi flus għaliex, "*jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruħha, fil-każijiet fejn dan hu konsentit mil-liġi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-leġittimarju għandu bħala oġġett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" għandha tkun riferita għaż-żmien tal-konverżjoni, cioé ż-żmien l-iktar qrib possibbli għall-pronunzja ġudizzjali u tenut kont għalhekk ta' xi sopravenuta*

---

[12] P.A. AE **6.5.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Borġ et v. Maria Axiaq*** (mhux appellata) u Maġ. (Għ) PC **20.3.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Loreta Axiaq v. Maria Attard et***

[13] Ara Relazzjoni tiegħu f'paġġ. 531 – 2 tal-proċess

[14] P.A. JZM **29.2.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Raffaele Vella v. Salvino Vella et*** (mhix appellata)

*svalutazzjoni monetarja*"[15]. Ladarba llum, bil-liġi li tgħodd għall-każ, is-sehem riżervat sar kreditu tal-wirt, din ir-regola tgħodd aktar u aktar;

25. Illi tali fehma tibqa' isseħħ ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem riżervat ma jkunx ġie sodisfatt bla ħtija tal-parti li għandha jedd għalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jitħallas fi flus bħala "*aestimatio rei*"[16]. F'dak il-każ, il-valur għandu jkun iqarreb il-valur tal-ġid fiż-żmien tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat[17]. Dan joħroġ ukoll mill-fatt li l-jedd għas-sehem riżervat jitnissel mal-ftuħ tas-suċċessjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-ġrajja fil-qafas taż-żmien li tkun seħħet. Hawnhekk ukoll, l-appellant ma weriex li l-ewwel Qorti naqset milli tqis il-valutazzjoni skond il-prinċipji li jgħoddu għll-każ jew tat fehmiet u raġunijiet li ma joqogħdux ma' dak li titlob il-liġi. L-istess ħaġa tgħodd għall-għażla tagħha li timxi mal-fehmiet tal-perit minnha maħtur, għalkemm jidher ċar li għamlet aġġustamenti wkoll fuq tali stejjem biex timxi ma' dak li trid il-liġi;

26. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju wkoll ma jistħoqqlux jintlaqa';

27. Illi dwar **it-tielet aggravju** l-appellant jgħid li sehem missieru Carmelo Grima mit-tliet fondi bin-numri mija u tnejn u sebgħin (172), mija

---

[15] App. Ċiv. **10.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Conċetta Vella et v. Ġiuseppe Buġeja et*** (mhix pubblikata)
[16] App. Ċiv. **14.12.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Emilia Mifsud et v. Eleonora Mizzi noe et*** (mhix pubblikata)
[17] App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Mary Anne Żammit et v. Antonia Ellul et***

u tlieta u sebgħin (173) u mija u erbgħa u sebgħin (174) fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan tqies ħażin mill-ewwel Qorti. Huwa jgħid li fis-sewwa sehem missieru mill-imsemmija fondi kien ta' terz ($^{1}/_{3}$) mhux maqsum u mhux ta' nofs ($^{1}/_{2}$), kif sabet l-ewwel Qorti. Għalhekk, billi l-imsemmi ġid kien stmat b'kollox fis-somma ta' tliet mija u tnejn u sebgħin elf ewro (€ 372,000), il-valur għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riżervat imissu jkun mija u erbgħa u għoxrin elf ewro (€ 124,000);

28. Illi, kif ingħad, kemm l-atturi appellati u kif ukoll l-appellati msejħin fil-kawża jaqblu ma' dan l-aggravju;

29. Illi, mill-kostatazzjonijiet li din il-Qorti għamlet tal-provi mressqa fl-atti[18], joħroġ ċar li dak il-ġid kien jagħmel f'parti minnu minn ġid parafernali ta' omm il-partijiet u ma kienx kollu ġid tal-komunjoni tal-akkwisti. Għalhekk, jidher li meta l-ewwel Qorti qieset il-valur ta' dak il-ġid, imxiet mal-bixra tal-biċċa l-kbira mill-ġid l-ieħor li qieset biex illikwidat il-valur tas-sehem riżervat. Biex jingħad kollox, hija u tifli l-atti tal-kawża, din il-Qorti sabet li l-ewwel Qorti setgħet kienet influwenzata minn provi dokumentali mressqa mill-appellati nfushom biex waslet għal dak il-kalkolu. Kemm hu hekk, jirriżulta li meta l-appellant resaq biex jagħmel id-dikjarazzjoni "*causa mortis*" tal-wirt ta' missieru, kien huwa stess li ddikjara li sehem missieru mill-imsemmija tliet (3) fondi kien ta' nofs ($^{1}/_{2}$) mhux maqsum[19].

[18] Ara Dok "P", f'paġ. 45 tal-proċess
[19] Ara Dokti "X1" u "PM1" f'paġġ. 36 u 249 tal-proċess

F'kull każ, ladarba l-appellati jaqblu ma' dan l-aggravju, il-Qorti sejra tilqgħu billi taġġusta s-somma li jmissha tkun likwidata bħala s-sehem riżervat li għandu jitħallas mill-appellant lill-partijiet l-oħrajn fil-kawża;

30. Illi bir-**raba' aggravju** tiegħu l-appellant jgħid li, filwaqt li ma huwiex qiegħed jikkontesta li l-valur tal-fond "*Grima's Garage*" fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan, jiddaħħal fil-kejl tal-massa tal-wirt ta' missieru, jilmenta li l-ewwel Qorti ma qisitx li huwa kien wettaq serviġi għall-benefiċċju ta' missieru u li s-sebat elef Lira (Lm 7,000) li ngħataw hu u martu kienet fis-sewwa ħlas ta' dejn li missieru kellu miegħu u wkoll li l-istess Qorti ma għamlitx sewwa li għaddet id-donazzjoni msemmija wkoll bħala parti mill-ġid li kellu jitqies għall-kejl tas-sehem riżervat, għaliex b'hekk ġiet li dak l-ammont iddaħħal darbtejn;

31. Illi l-appellati jgħidu li l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Huma jtennu li s-somma kollha kienet għotja u mhux ħlas ta' kreditu maħluq bl-għoti tas-serviġi, u din is-somma kollha kellha titqies għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat, ukoll jekk ma ngħatatx biss lill-appellant imma lil martu wkoll;

32. Illi l-appellati msejħin fil-kawża jwarrbu dan l-aggravju billi jgħidu li s-somma msemmija kienet biċċa mill-bixkla mfassla biex l-appellant jispiċċa jieħu l-fond b'xejn taħt l-iskuża li kien kreditur ta' missieru. Jisħqu

li s-sebat elef Lira ngħataw mill-missier biex taparsi "joqtlu" dejn li ma kienx jeżisti u biex l-appellant ma jkollux għalfejn joħroġ lanqas dik is-somma biex "jixtri" l-post li kien jiswa wisq aktar minn hekk;

33. Illi dan l-aggravju ikompli, sa ċertu punt, fejn ħalla t-tieni wieħed. Jintrabat mal-ammont tad-donazzjoni li ngħatat fl-istess okkażjoni tat-trasferiment favur l-appellant ta' sehem tan-nofs mhux maqsum tal-fond bi "prezz" li kien l-istess daqs l-ammont tal-imsemmija għotja. In-nofs l-ieħor tħalla lill-appellant b'legat fit-testment ta' missieru. Id-donazzjoni saret b'kitba privata[20]. L-ewwel Qorti sabet li dik id-donazzjoni ma kinitx tabilħaqq pagament ta' debitu li missier il-partijiet kellu mal-appellant u martu, imma kienet maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-"prezz" iddikjarat fuq il-kuntratt li sar dakinhar stess dwar in-nofs mhux maqsum ta' "*Grima's Garage*". Din il-Qorti taqbel għal kollox mal-kostatazzjonijiet magħmulin f'dan ir-rigward mill-ewwel Qorti. Fil-qafas taċ-ċirkostanzi li kienu għaddejjin dakinhar li sar il-kuntratt – li mbagħad b'sentenza nstab li kien wieħed simulat – din il-Qorti ma tarax kif l-appellant ġie preġudikat bil-kalkoli magħmulin mill-ewwel Qorti għaliex jekk il-kuntratt tat-trasferiment tas-sehem minn "*Grima's Garage*" u l-ġnien ta' miegħu tqies b'sentenza li għaddiet f'ġudikat li huwa donazzjoni, is-somma msemmija f'dak il-kuntratt ma setgħet qatt titqies bħala "ħlas" imwettaq u fis-sewwa ma nġabet l-ebda prova li l-appellant fil-fatt ħallas lil missieru dak l-

[20] Dok "AST1", f'paġ. 335 tal-proċess

ammont. Min-naħa l-oħra, il-kitba tad-donazzjoni hija prova minnha nnifisha ta' għotja ta' dak li tgħid u, għalhekk, ma jistax jitqies li meta dik l-għotja tqieset għall-finijiet tal-kejl tal-assi tal-wirt, l-appellant kien qiegħed iġarrab preġudizzju doppju f'dak ir-rigward;

34. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

35. Illi l-**ħames aggravju** jinbena wkoll fuq dak ta' qablu. L-appellant jgħid li minkejja li l-ewwel Qorti qalet li s-somma ta' sebat elef Lira (Lm 7,000) ma kellhiex tintgħadd mal-massa tal-wirt għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem riżervat, spiċċat għadditha xorta waħda;

36. Illi kemm l-appellati u kif ukoll l-imsejħin fil-kawża jilqgħu għal dan l-aggravju billi jisħqu li l-appellant qiegħed jaqbad ma' żball tal-pinna fis-sentenza appellata u jagħmel storja minnu;

37. Illi l-Qorti tgħid mill-ewwel li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Għalkemm fis-sentenza appellata, hija u tqis il-kwestjoni tad-donazzjoni magħmula lill-appellant u martu, l-ewwel Qorti qalet li "*Hija l-fehma konvinta ta' din il-Qorti illi fir-rigward ta' dawn il-flejjes, m'għandhomx jiġu kkunsidrati mal-massa ereditarja tad-decujus*"[21], il-kunsiderazzjonijiet li saru kemm qabel u kemm wara dik is-silta juru biċ-ċar li l-ewwel Qorti

[21] Sentenza f'paġ. 704 tal-proċess

kienet tabilħaqq qiegħda tqis id-donazzjoni bħala biċċa mill-massa tal-wirt ta' Carmelo Grima għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat. Il-kelma "m'għandhomx" hija żball tal-pinna minflok "għandhom". Dan joħroġ ċar ukoll minn kunsiderazzjonijiet oħra li saru f'partijiet oħra tas-sentenza appellata u li jixhdu ċar x'kienet il-fehma tal-ewwel Qorti dwar post dik id-donazzjoni fil-qafas tal-azzjoni mressqa mill-appellati;

38. Illi dan l-aggravju għalhekk mhux se jintlaqa';

39. Illi s-**sitt aggravju** jirrigwarda l-fatt li wieħed mill-appellati – Julian Grima – kien ukoll legatarju fit-testment ta' nannuh u l-ħaġa mħollija lilu b'legat f'dak it-testment (somma li llum iġġib €6988) taqbeż is-sehem riżervat dovut lilu. L-appellant jgħid li ladarba l-imsemmi appellat talab u ngħata l-legat lilu mħolli, ma jifdallu jieħu xejn aktar mis-sehem riżervat likwidat bis-sentenza appellata;

40. Illi l-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li din hija kwestjoni li l-appellant qiegħed iqanqal biss f'dan l-istadju u ma semmiha qatt sa ma ngħatat is-sentenza appellata. Huma jgħidu li s-sehem li llikwidat l-ewwel Qorti ma kienx is-sehem tal-imsemmi appellat legatarju imma dak li kien imiss lil missieru Anthony Grima bħala sehem riżervat li kieku ma mietx qabel Carmelo Grima;

41. Illi l-Qorti tqis li huwa minnu li l-liġi tgħid li dak li jmissu s-sehem riżervat għandu jaqta' minnu dak kollu li jkun ħa mingħand it-testatur u li jkun suġġett għall-kollazzjoni[22]. Madankollu, hija wkoll ir-rieda tal-liġi li dak kollu mħolli b'testment (sakemm ma jingħadx mod ieħor f'dak it-testment) mhux suġġett għall-kollazzjoni[23]. Huwa biss f'każ fejn legatarju li għandu jedd għas-sehem riżervat jitlob it-tnaqqis ta' xi dispożizzjoni magħmula favur werriet jew legatarju ieħor minħabba li tkun taqbeż is-sehem li minnu t-testatur seta' jiddisponi li għandu jqis bħala meħud akkont tas-sehem riżervat tiegħu xi legat imħolli lilu mill-istess testatur[24];

42. Illi mill-atti joħroġ li l-appellat Julian Grima daħal fil-kawża għaliex missieru – Anthony Grima, wieħed mill-ulied tad-*decujus* Carmelo Grima – laħaq miet qabel missieru. L-imsemmi Julian Grima huwa minn fost l-appellati li rrinunzja għall-wirt ta' nannuh[25], imma f'wieħed mit-testmenti li bis-saħħa tiegħu nfetaħ il-wirt ta' nannuh, it-testatur kien ħallielu s-somma ta' Lm3,000 bħala legat[26]. Madankollu, ir-rinunzja għall-wirt ma ġġibx ukoll rinunzja għal legat[27]. Lanqas ma jirriżulta li huwa talab it-tnaqqis ta' xi dispożizzjoni testamentarja partikolari li għamel nannuh f'xi wieħed mit-testmenti tiegħu. L-appellant jgħid ukoll li l-legat imħolli lil Julian Grima

---

22 Art. 620(4) tal-Kap 16
23 Art. 923 tal-Kap 16
24 Art. 938(1) tal-Kap 16
25 Ara Dok "Ċ5", f'paġ. 25 tal-proċess
26 Ara Dok "T4", f'paġġ. 283 – 4 tal-proċess
27 Art. 620(5) tal-Kap 16

tħallas. L-appellant ma jgħidx minn min sar il-ħlas, meta u b'liema mod: lanqas ressaq prova tal-kwittanza;

43. Illi, kif sewwa jgħidu l-appellati, il-kwestjoni mqajma mill-appellant f'dan l-aggravju ma ssemmiet qatt qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Dan waħdu jista' jservi biex din il-Qorti ma tqisx l-aggravju. Madankollu, b'żieda ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis ukoll li l-aggravju mhux mistħoqq għaliex meta l-ewwel Qorti għaddiet biex tillikwida s-sehem riżervat, dan għamlitu dwar is-sehem li kien imiss lil ulied id-*decuius* u mhux lil kull wieħed u waħda minn ulied uliedhom. Għalhekk, ladarba l-likwidazzjoni saret b'dak il-mod (għaliex hekk ukoll intalab fit-tielet talba attriċi) u ladarba l-appellant ma ressaq l-ebda lment dwar il-likwidazzjonijiet f'dak ir-rigward, ma jistax ifettaq fuq is-sehem li se jmissu l-appellat Julian Grima u joħloq aggravju b'hekk. Is-sehem riżervat likwidat favur ulied Anthony Grima jibqa' bla mittiefes u l-mod kif dak is-sehem jinqasam hija ħaġa ta' bejniethom;

44. Illi dan l-aggravju wkoll mhux tajjeb u mhux se jintlaqa';

45. Illi s-**seba' aggravju** tal-appellant jirrigwarda l-istima tal-fondi magħmula mill-periti addizzjonali u jikkontesta l-fatt li l-valutazzjonijiet magħmulin minnhom huma ogħla minn dawk magħmulin mill-ewwel perit u jidher li huma influwenzati minn ġrajjiet li seħħew wara l-mewt tat-

testatur. Huwa jgħid li dawn il-valutazzjonijiet wasslu lill-ewwel Qorti biex, minkejja li mxiet ma' prinċipji legali korretti dwar iż-żmien li għandu jitqies għall-finijiet ta' valutazzjoni, hija kellha toqgħod fuq stejjem li ma jaqblux ma' dawk l-istess prinċipji. Għalhekk, l-appellant jgħid li din il-Qorti jmissha tagħmel rivalutazzjoni 'l isfel tagħhom *ex aequo et bono*;

46. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li ladarba t-testatur Carmelo Grima iddispona bit-testmenti jew mod ieħor b'aktar mis-sehem disponibbli, l-effett hu li l-valutazzjoni tal-ġid tal-wirt kellha ssir b'rabta maż-żmien meta kellha tingħata s-sentenza;

47. Illi l-appellati msejħin fil-kawża jwarrbu dan l-aggravju billi jtennu dak li kellhom xi jgħidu dwar it-tieni aggravju tal-appellant u jżidu li l-appellant kellu jġib raġunijiet wisq tajbin u serji biex iwasslu lill-Qorti tilgħab mal-istejjem mogħtija u tibdilhom fuq is-saħħa ta' ekwita`;

48. Illi l-Qorti tqis li dan l-aggravju jgħodd biss għal uħud mill-immobbli li jagħmlu mill-wirt ta' Carmelo Grima. Dan jingħad għaliex, fuq talba tal-appellati, il-periti addizzjonali ntalbu jivvalutaw biss uħud mill-bosta fondi li kienu parti minn dak il-wirt. Tajjeb jingħad li l-valutazzjonijiet magħmulin mill-ewwel perit maħtur mill-ewwel Qorti saru fuq kostatazzjonijiet li saru wara aċċessi f'Ġunju u Novembru tal-2011[28] u l-valutazzjonijiet kollha li

[28] Rapport Peritali f'paġġ. 525 sa 535 tal-proċess

saru fih jitkellmu dwar "valur preżenti tas-suq" tal-ġid kollu hemm stmat. Dan ifisser li dawk l-istejjem jagħtu valur tal-ġid tal-wirt ta' Carmelo Grima madwar erba' snin wara l-ftuħ tiegħu. Il-kostatazzjonijiet tal-periti addizzjonali saru f'April tal-2014 u wkoll jitkellmu dwar "il-valur tal-proprjeta` fil-preżent"[29]. Fl-eskussjoni li l-appellant għamel lill-periti kemm tal-ewwel rapport[30] u kif ukoll dawk addizzjonali[31], imkien ma staqsa dwar dak li jsemmi f'dan l-aggravju tiegħu. L-istess jingħad dwar sottomissjonijiet magħmula quddiem l-ewwel Qorti: għall-kuntrarju, fis-sottomissjonijiet tal-għeluq, l-appellant innifsu jgħid li "jirritjeni li għal fini ta' valutazzjoni, din għandha tkun ibbażata fuq l-istat attwali li fiha tinsab il-proprjeta`"[32]. Il-Qorti jidhrilha wkoll li l-għażla tal-ewwel Qorti li tqis il-valur ta' wħud mill-ġid immobbli skond il-valutazzjoni mogħtija mill-periti addizzjonali toqgħod ukoll mal-kriterji li qorti hija mistennija tħaddem fil-każ ta' likwidazzjoni ta' wirt għall-finijiet tal-kejl tas-sehem riżervat[33]. Minħabba f'hekk, din il-Qorti ma tarax li għandha għalfejn tagħmel ir-rivalutazzjoni tal-istejjem mitluba mill-appellant u ma għandhiex fuqhiex tagħmel dan jekk mhux fuq l-istess kriterji li kellha u li ħaddmet l-ewwel Qorti;

49. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

---

[29] Rapport Peritali Addizzjonali f'paġġ. 595 sa 607 tal-proċess
[30] Nota f'paġġ. 565 – 6 tal-proċess
[31] Nota f'paġġ. 620 – 1 tal-proċess
[32] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 653 tal-proċess
[33] Ara, b'eżempju, App. Ċiv. **15.12.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Buhagiar v. Margaret Hampton et*** § 13

50. Illi t-**tmien aggravju** jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza appellata li titkellem dwar l-imgħax u li l-ewwel Qorti qalet li kellha tabilfors tapplikah skond kif kienet il-liġi fiż-żmien rilevanti. L-appellant jgħid li ma jaqbilx mal-ewwel Qorti li ma setgħetx tinqeda bid-diskrezzjoni tagħha u teħles għal kollox l-impożizzjoni tal-imgħax jew tħaddem rata aktar baxxa fuq is-sehem riżervat likwidat minnha. Huwa jgħid li, għalkemm fiż-żmien meta tressqet il-kawża l-liġi ma kinitx tagħti dik id-diskrezzjoni lill-qorti, saż-żmien li ngħatat is-sentenza appellata l-liġi kienet inbidlet u kienet espressament tagħti diskrezzjoni fir-rata tal-imgħax jew jekk saħansitra kellu jimxi mgħax fuq somma likwidata bħala sehem riżervat. Minbarra dan, waqt it-trattazzjoni magħmula quddiem din il-Qorti, id-difensur tal-appellant argumenta li ma kienx xieraq li jitwekka bil-ħlas ta' mgħax meta kien miżmum għal żmien twil milli jħallas lill-appellati s-sehem riżervat minħabba Mandat ta' Inibizzjoni li huma stess kienu ħarġu biex iżommuh milli jagħmel dan. Minbarra dan, argumenta wkoll li ma kienx sewwa li huwa jkollu jħallas imgħax b'lura fuq somma li kienet likwidata biss fis-sentenza appellata, għaliex dan imur kontra r-regola li *in illiquidis non fit mora*;

51. Illi l-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi qalu li l-ewwel Qorti ħaddmet sewwa l-liġi li tgħodd għall-każ u l-aggravju ma għandu l-ebda bażi fil-liġi;

52. Illi l-appellati msejħin fil-kawża jilqgħu għall-aggravju billi jgħidu li l-partijiet ġew fiex ġew minħabba dak li għamel l-appellant innifsu meta resaq għall-pubblikazzjoni ta' kuntratt li nstab li kien simulat u li l-ħsieb warajh kien biex itellifhom milli jkunu jistgħu jieħdu s-sehem riżervat li jistħoqqilhom mill-wirt ta' Carmelo Grima. Min-naħa l-oħra, l-ewwel Qorti ħaddmet il-liġi kif kellha titħaddem u l-mixi tal-imgħax huwa stabbilit mil-liġi nnifisha;

53. Illi l-Qorti tqis li ilu żmien stabbilit li l-jedd għal-leġittima jnissel il-mixi tal-imgħaxijiet favur min għandu jedd għal dak is-sehem. Tali mgħax kien jibda għaddej minn dak inhar li jinfetaħ il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-leġittimarju u mhux fuq il-ġid kollu tal-wirt[34]. Taħt dak l-istitut, il-leġittimarju kien jixxebbah ma' legatarju. Il-Qorti tagħraf li, wara l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi dwar is-sehem riżervat u kif minn leġittima bħala *pars bonorum* saret sehem riżervat bħala kreditu kontra l-wirt, il-leġislatur deherlu li fuq is-sehem riżervat ukoll kellu jimxi l-imgħax favur il-persuna li għandha jedd għalih u kontra l-istess wirt. L-Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li r-regola hi li fuq is-sehem riżervat jibda miexi mgħax bir-rata stabbilita fl-Artikolu 1139 b'seħħ minn dakinhar li jinfetaħ il-wirt. Din hija r-regola, u dik ir-regola sseħħ jekk kemm-il darba t-talba għas-sehem riżervat issir fi żmien sentejn minn dakinhar li jinfetaħ

[34] P.A. **16.5.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Said v. Borġ Grech noe et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.568**)

il-wirt jew, jekk issir wara dak iż-żmien, mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju li fih issir it-talba. Il-leġislatur għażel li jorbot ir-rata ta' mgħax tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena ma' dik maħsuba fl-Artikolu 1139 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar dewmien ta' eżekuzzjoni ta' obbligazzjoni li jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata. F'dak il-każ, l-imgħax li jimxi fuq is-sehem riżervat jitqies bħala aċċessorju għall-kreditu dovut u għalhekk, għall-kuntrarju ta' dak li jargumenta l-appellant, huwa element sostantiv tal-kreditu[35] u mhux biss wieħed proċedurali;

54. Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-appellati ressqu t-talba fi żmien sewwa qabel ma għaddew sentejn minn mindu nfetaħ il-wirt, għaliex Carmelo Grima miet f'Jannar tal-2007 u l-kawża nfetħet f'Ottubru tal-istess sena. Il-kwestjoni mqanqla bl-aggravju, madankollu, hija jekk l-ewwel Qorti setgħetx jew messhiex ħaddmet id-diskrezzjoni tagħha li ssib li s-sehem riżervat likwidat favur l-appellati ma kienx jiġbed fuqu l-mixi tal-imgħax. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li ma setgħetx tħaddem id-diskrezzjoni għaliex id-dispożizzjoni relattiva tal-liġi li tħalli li jsir dan[36] daħlet fis-seħħ wara li miet Carmelo Grima u snin wara li kienet infetħet din il-kawża;

[35] Ara, f'dan ir-rigward, l-art. 728(b) tal-Kap 16 fejn jidħol il-legat ta' fond, kapital jew ħaġ'oħra li tagħti l-frott, fejn l-imgħax jimxi minn dakinhar tal-mewt tat-testatur bla ħtieġa ta' sejħa ġudizzjarja

[36] *Proviso* tal-Art. 615(2) tal-Kap 16

55. Illi filwaqt li tagħraf is-siwi ta' wħud mill-argumenti li l-appellant ressaq dwar f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li l-aggravju tiegħu m'huwiex mistħoqq, ukoll jekk mhux għar-raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti. L-appellant ma ta l-ebda raġuni tajba għaliex l-ewwel Qorti messha ħaddmet id-diskrezzjoni biex fuq l-ammont likwidat bħala sehem riżervat dovut lill-appellati ma kellux jimxi l-imgħax. Fir-Rikors tal-Appell tiegħu jsemmi xi ħames raġunijiet għaliex huwa jqis li kien jixraq li ma kellux jimxi mgħax fuq is-sehem riżervat likwidat jew, jekk kellu jkun hemm imgħax, li jkun f'rata anqas minn dik imsemmija fl-Artikolu 1139 tal-Kodiċi. Imma dawk ir-raġunijiet jidhru li huma ripensament li għaddielu minn moħħu wara li ngħatat is-sentenza appellata;

56. Illi, kemm hu hekk, quddiem l-ewwel Qorti – minkejja li kien qal li ma kellu l-ebda oġġezzjoni għal-likwidazzjoni tal-leġittima dovuta – kien qajjem l-eċċezzjoni li l-azzjoni attriċi saret qabel waqtha (intempestiva) minħabba kawża oħra li tressqet biex tattakka s-siwi tal-kuntratt, liema eċċezzjoni baqa' qatt ma rtiraha u l-ewwel Qorti kellha saħansitra tagħti deċiżjoni dwarha fis-sentenza appellata. Fit-tieni lok, ir-raġuni ewlenija li wasslet lill-appellati jiftħu din il-kawża kienet il-"manuvra" li saret bis-sehem attiv tal-appellant fil-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt simulat bil-ħsieb li s-sehem riżervat spettanti lill-appellati ma jkunx jista' jingħata jew jitnaqqas sew. Fit-tielet lok, meta saru s-sottomissjonijiet mill-appellati dwar il-pretensjoni tagħhom għall-imgħax fuq is-sehem li kellu

jkun likwidat mill-ewwel Qorti[37], l-appellant ma ressaq l-ebda sottomissjoni min-naħa tiegħu biex iwaqqa' dik il-pretensjoni u wisq anqas semma t-tħaddim tad-diskrezzjoni li l-ewwel Qorti kellha taħt id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* tal-Artikolu 615(2) tal-Kodiċi Ċivili. F'dan ir-rigward, għalhekk, l-aggravju jista' jitqies li qiegħed iqanqal kwestjoni *noviter* li ma ssemmietx jew kienet dibattuta fl-ewwel istanza;

57. Illi minħabba f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' għaliex mhux mistħoqq;

58. Illi bid-**disa' aggravju** l-appellant jilmenta talli l-ewwel Qorti laqgħet is-sitt talba attriċi u b'hekk ikkonfermat għal dejjem l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni li l-appellati kienu talbu u kisbu kontrih. Huwa jgħid li b'dan il-mod u mingħajr ma l-ewwel Qorti fissret għaliex kienet qiegħda tilqa' dik it-talba, tqiegħed f'qagħda li nżamm milli jista' jħallas is-sehem riżervat likwidat. Jgħid ukoll li, mil-lat purament proċedurali, talba bħal dik ma setgħetx issir għaliex hemm bosta sentenzi li jgħidu li mhux mogħti li mandat ta' inibizzjoni jiġġedded indefinittivament. Żied jgħid li ladarba t-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret bil-ħsieb li l-ġid tal-wirt ikun konservat ħalli jkun jista' jiġi determinat is-sehem riżervat, l-għan li għalih inħareġ il-Mandat intemm hekk kif il-ġid tal-wirt sar magħruf u mogħti valur. Fuq kollox, jgħid li ladarba l-ħlas tas-sehem riżervat jirrigwarda kreditu li

[37] Ara nota ta' sottomissjonijiet f'paġ. 644 tal-proċess

jitħallas f'somma flus, ma jagħmel l-ebda sens li huwa jinżamm milli jista' jbigħ mill-ġid tal-wirt innifsu ħalli jkun f'qagħda li jista' jħallas lill-appellati s-sehem riżervat dovut lilhom;

59. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li, mqar mid-daqqa t'għajn, qari tas-sentenza appellata turi li ma huwiex minnu li l-ewwel Qorti tawlet għal dejjem l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ minnhom, imma biss u limitatament qalet li kellu jibqa' fis-seħħ sakemm l-ammont kanoniżżat jitħallas;

60. Illi mill-mod kif tfasslet is-sitt talba attriċi, intalbet il-konferma tal-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ "*fis-sens li tinibixxi definittivament*" lill-appellant milli jbigħ, jitrasferixxi, jiddisponi minn jew jikkonċedi jew iwiegħed lil terzi xi ġid tad-*decuius* jew jimmitti lil xiħadd fil-pussess il-ġid li jagħmel mill-wirt ta' Carmelo Grima "*qabel ma jiġi likwidat u mħallas is-sehem riżervat mil-liġi (leġittima) lil kull wieħed mill-atturi*". L-ewwel Qorti laqgħet dik it-talba kif magħmula. Fid-degriet li bih intlaqa' l-Mandat, ħareġ ċar li t-talba saret bil-għan li "*Sabiex tiġi kalkolata u kwantifikata il-leġittima iridu jittieħdu in konsiderazzjoni l-assi kollha tal-eredita` tal-istess decuius u għalhekk jinħtieġ li dawn l-assi kollha jiġu konservati. Ikun ta` preġudizzju irrimedjabbli lir-rikorrenti jekk dawn l-assi jew uħud*

*minnhom jiġu b`xi mod trasferiti*"[38]. Ma' dak ir-rikors, kienu tressqu żewġ listi ta' ġid li ntlaqtu bil-Mandat;

61. Illi bilkemm għandu għalfejn jingħad li huwa aċċettat li Mandat ta' Inibizzjoni huwa att ġudizzjarju li, min-natura tiegħu, huwa kawtelatorju u maħsub li jkollu effett limitat taż-żmien sakemm iservi biex jikkawtela l-pretensjoni li dwarha jkun inħareġ. Mal-għoti ta' sentenza, tintemm il-ħtieġa li dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ, għaliex ikun mistenni li kulma jrid jibqa' jorbot ikun determinat fil-parti deċiżorja tas-sentenza nnifisha. Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa x'aktarx l-att kawtelatorju waħdieni li l-liġi ma tagħtix li jista' jinbidel f'att eżekuttiv[39], u għalhekk għalih tgħodd ir-regola li att kawtelatorju ma jibqax fis-seħħ wara li jgħaddu ħmistax-il jum minn dakinhar li kawża tgħaddi f'ġudikat[40];

62. Illi, b'żieda ma' dan, ingħad bosta drabi li talba f'Rikors Maħluf fis-sens li l-effetti ta' Mandat ta' Inibizzjoni jiġu konfermati jew imtennija għal dejjem tqieset bħala talba inaċċettabbli billi timmira li tagħmel perpetwa inibizzjoni li, min-natura tagħha, hija limitata għaż-żmien meħtieġ sakemm jiġi meqjus id-dritt sostantiv li b'ħarsien tiegħu jkun inħareġ tali Mandat[41]. F'każ bħal dan, il-Qorti ma taħsibhiex darbtejn biex tiddikjara

[38] Rik. Inib. 1330/07AF dekretat fl-4.10.2007
[39] Art. 838B(2) tal-Kap 12
[40] Art. 838B(1) tal-Kap 12
[41] App. Ċiv **7.10.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et v. Gauċi*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.719**)

l-att ġudizzjarju li jkun nieqes mit-talba għad-dritt imsemmi fil-Mandat bħala att li ma jiswiex[42];

63. Illi l-Qorti tqis li s-sitt talba kif magħmula ma titlobx li l-effetti tal-Mandat mitlub u miksub mill-appellati jittennew għal dejjem, kif donnu qiegħed jilmenta l-appellant. Għall-kuntrarju, it-talba torbot iż-żamma fis-seħħ tal-istess Mandat ma' żewġ kontinġenzi: (i) li ssir il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat (li saret bis-saħħa ta-sentenza appellata) u (ii) li jitħallas is-sehem riżervat hekk likwidat (li għadu ma sarx). Ladarba sentenza ma tistax tikser il-liġi, l-ilqugħ tas-sitt talba attriċi jrid jinqara fid-dawl ta' dak li ssemma qabel dwar x'tgħid il-liġi fuq is-siwi tal-Mandat ta' Inibizzjoni u kemm jista' l-aktar jibqa' fis-seħħ. B'dan il-mod, l-appellant ma jistax jgħid li se jġarrab ħsara li ma tissewwiex u wisq anqas se jinżamm milli jkun jista' jissalda l-ħlas li jrid jagħmel lill-appellati tas-sehem riżervat kanoniżżat. Kien hemm matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża u għad hemm illum disponibbli lill-appellant – u, kieku jridu, lill-partijiet flimkien b'rieda tajba u b'bona fidi – rimedji proċedurali oħrajn mogħtija mil-liġi biex jitħaffef il-proċess tal-ħlas għas-saldu tal-jedd kanoniżżat biex, f'dak l-aspett, l-effetti tas-sentenza appellata fejn tidħol is-sitt talba attriċi ma jkunux ta' xkiel lill-ebda waħda mill-partijiet;

64. Illi għalhekk dan l-aggravju wkoll m'huwiex se jintlaqa';

---

[42] App. Ċiv. **14.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Tabone pro et noe v. Raymond Tabone***

65. Illi jifdal li l-Qorti tqis l-**għaxar u l-aħħar aggravju** tal-appellant li jitkellem dwar il-mod kif is-sentenza appellata għabbietu bil-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża ukoll fir-rigward tal-appellati msejħin fil-kawża. Huwa jgħid li l-ewwel Qorti kien messha tittempera jew taqsam l-ispejjeż tal-kawża minħabba bosta raġunijiet. Huwa jsemmi l-fatt li qatt ma kien kontra li l-appellati jingħataw is-sehem riżervat dovut lilhom u jisħaq li kien minħabba r-ras iebsa tagħhom li l-biċċa twalet. Iżid jgħid li "kien hemm numru ta' punti li dwarhom l-atturi ħarġu telliefa" u li t-talba għall-ħatra tal-periti addizzjonali ma saritx minnu imma mill-appellati. Fl-aħħarnett jgħid li, filwaqt li l-attur huma bosta (u jistgħu jaqsmu l-ispejjeż bejniethom), huwa jinsab waħdu u jrid jerfa' l-ispejjeż waħdu;

66. Illi l-appellati jwarrbu dan l-aggravju wkoll u jgħidu li x-xilja tal-appellant li huma kienu jaħtu għal xi intransiġenza ma toħroġ minn imkien fl-atti tal-kawża. Minbarra dan, jgħidu li f'azzjoni bħal din il-piż tal-ispejjeż ma jintefax fuq min għandu l-jedd li jitlob il-likwidazzjoni tas-sehem riżervat;

67. Illi l-imsejħin fil-kawża appellati jtennu l-istess raġunijiet tal-appellati l-oħrajn u jżidu li ma teżisti l-ebda raġuni tajba biex din il-Qorti tilqa' dan l-aggravju;

68. Illi l-Qorti tqis li l-ewwel Qorti wieżnet il-kap tal-ispejjeż fuq ir-regola li tgħid li kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż[43]. Minn dik is-sentenza joħroġ ċar li kull waħda mit-talbiet attriċi ntlaqgħet u l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tal-appellant ma ntlaqgħet. Għalhekk, mad-daqqa t'għajn, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn l-ewwel Qorti setgħet inqdiet bid-dispożizzjoni tal-liġi[44] biex taqsam il-kap tal-ispejjeż fuq il-partijiet. Din il-Qorti ma tifhimx minn fejn joħroġ li mis-sentenza appellata kien hemm xi punti li dwarhom l-appellati ħarġu telliefa. Lanqas ma tara li kien hemm raġuni tajba oħra li minħabba fiha kien ikun xieraq li tgħabbi lill-atturi jew lill-imsejħin fil-kawża b'xi biċċa mill-ispejjeż tal-kawża. L-appellant ma weriex (u l-atti tal-kawża ma jixhdux) b'liema mod l-appellati kienu intransiġenti tul il-mixja tat-taqbida biex jieħdu sehemhom. Minbarra dan, lanqas ma jirriżulta li t-talba mill-appellati għall-ħatra ta' periti addizzjonali kienet waħda kapriċċuża, u xieraq jitfakkar li kienu l-istess appellati li, wara li kienet saret il-ħatra, kienu illimitaw il-postijiet li dwarhom kellhom isiru l-valutazzjonijiet, wara li kienu qagħdu għat-tweġibiet tal-ewwel perit eskuss u bil-għan dikjarat li ma jkabbrux l-ispejjeż. Fl-aħħarnett, il-Qorti ma tarax li l-fatt li l-appellant jinsab jitqabad waħdu kontra l-bqija ta' qrabatu għandu jkun raġuni tajba għaliex il-kap tal-ispejjeż imissu jinqasam: dik il-qagħda ġabha b'idejh meta pprova jkejjel b'xibru u ma qiesx il-konsegwenzi ta' egħmilu u l-

[43] Art. 223(1) tal-Kap 12
[44] Art. 223(3) tal-Kap 12

ħsara li kienu jġarrbu l-appellati li kieku ma ħabirkux biex iħarsu l-jeddijiet tagħhom;

69. Illi għalhekk, lanqas dan l-aggravju ma jistħoqqlu jintlaqa';

70. Illi fid-dawl tal-fatt li din il-Qorti laqgħet it-tielet aggravju se jkun meħtieġ li jsir aġġustament fil-valur tas-somma li fuqha jrid jinħadem is-sehem riżervat. Kif ingħad f'dak l-aggravju, l-aġġustament irid isir rigward is-sehem li l-mejjet Carmelo Grima kellu mill-korp ta' ġid f'numri 172, 173 u 174 fi Triq Birkirkara, f'San Ġiljan. Sehmu kien ta' terz ($^{1}/_{3}$) u l-valur aċċettat mill-ewwel Qorti għal dak il-ġid kien ta' tliet mija u tnejn u sebgħin elf ewro (€372,000) mogħti mill-periti addizzjonali. Għalhekk, għall-finijiet tat-tieni talba attriċi sehem il-mejjet Carmelo Grima minn dak il-ġid kien iġib mija u erbgħa u għoxrin elf ewro (€124,000). Għalhekk, il-valur sħiħ aġġustat tal-wirt tiegħu li fuqu għandu jinħadem is-sehem riżervat jinżel għal miljun u disgħa u sittin elf sitt mija u ħamsin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€1,069,650.71). Dan iġib li s-sehem riżervat li l-appellati wlied il-mejjet Carmelo Grima jistħoqqilhom jitħallsu huwa ta' disgħa u ħamsin elf erba' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€59,425) kull wieħed u waħda minnhom. Fejn illum minflokhom daħlu wliedhom jew ulied uliedhom, dak l-ammont jinqasam bejn dawk l-ulied jew neputijiet, kif ordnat fis-sentenza appellata;

***Decide:***

71. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-aggravji kollha** tal-intimat appellant **ħlief għat-tielet wieħed** u għalhekk qiegħda **tirriforma** s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla fit-28 ta' Jannar, 2016, fil-kawża fl-ismijiet premessi billi, għall-finijiet tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' talbiet attriċi tiddikjara li l-valur sħiħ tal-ġid tal-wirt ta' Carmelo Grima li fuqu jrid jinħadem is-sehem riżervat fl-ammont ta' miljun u disgħa u sittin elf sitt mija u ħamsin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmi (€1,069,650.71) u għalhekk li l-ammont ta' sehem riżervat likwidat favur kull wieħed u waħda minn ulied il-mejjet Carmelo Grima jkun ta' disgħa u ħamsin elf erba' mija u ħamsa u għoxrin ewro (€59,425) minflok l-ammont hemm imsemmi, u **tikkonferma** għal kollox l-istess sentenza għall-bqija; u

**Tordna** li l-appellant iħallas l-**ispejjeż** ta' dan l-appell tiegħu.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr